**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Marzu, 2025

Rikors Ġuramentat: 151/18AL

**A B**

**vs.**

**C B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 1028/1999)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi datat 8 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet kif ġej:

*1. Illi l-kontendenti iżżewġu nhar it-tmienja u għoxrin ta' Ġunju tal-elf disa mija disgħa u disgħin (28.06.1999) (ara Dok A); u ghandhom żewġt (2) ulied minuri,*

[1] Fol. 1.

*D B li twieled fis-sittax ta' Ġunju tas-sena elfejn (16.06.2000) u EB li twieldet fis-dsatax ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (19.9.2003);*

*2. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli minħabba abbuż, vjolenza, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet oħra, validi fil- Ligi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Ligi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;*

*3. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati sabiex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 26 ta' April 2018 (Dok. B);*

*4. Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jgħid għalhekk il-konvenut, għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċji li r-rendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli;*

*2. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri D B u EB f'idejn l-esponenti; u sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mal-ħruġ tal-passaporti, mas-safar, mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

*3. Tordna li l-imsemmija minuri jirrisjedu mal-esponenti;*

*4. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-attriċi u għaż-żewġt ulied tal-partijiet, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija tfal jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċidu li jibqgħu jistudjaw; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jippercepixxi l-konvenut, u jiġu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess*

*manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;*

*5. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni taż-żewġt ulied minuri sakemm ikunu għadhom qed tistudja; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari;*

*6. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-arretrati ta' manteniment u spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, kif ser jiġi ppruvat matul il-kawża;*

*7. Tiffissa l-aċċess tal-konvenut għaż-żewġ ulied minuri bi ftehim mal-istess minuri in vista tal-eta' tagħhom, u dana kif inhu fl-aħjar interess tagħhom;*

*8. Tagħti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri D u EB, fosthom, iżda mhux limitatament, dwar kif għandu jiġi regolat is-safar u 1-ħruġ tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaport għandu jinżammu mill-esponenti; kif ukoll dwar l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan taħt kull provediment xieraq u oppotun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;*

*9. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment mingħand l-esponenti;*

*10. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lil-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

*11. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundl lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali tagħha*

*jew kwalunkwe kreditu ieħor, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.*

*12. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*13. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikoli 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tapplika kontrih interament jew in parte d- disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*14. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha 'F';*

*15. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkluz l-proċeduri ta' medjazzjoni li huwa minn issa ingunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 1028/1999;[2]

Rat id-digriet tal-Qorti tas-26 ta' April 2018[3] li bih iddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-konvenut jipproċedi b'kawża fit-termini mposti mil-liġi.

Rat ir-risposta ġuramentata[4] tal-konvenut li fiha ġie eċċepit kif ġej:

*1.Illi huwa qed jaghti ruhu b'notifikat bir-rikors guramentat b'effett mil-lum.*

*2.Illi dwar it-talbiet attrici huwa jeccepixxi dan li gej:*

---

[2] Fol. 7.
[3] Fol. 8.
[4] Fol. 11.

*(a )Li preliminarjament huwa joggezzjoni ghax-xhud Registratur tal-qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex jesebixxi l-atti relattivi ghal medjazzjoni bejn il-partijiet tenut kont li dawn ma jistghux ikunu parti f'kawza skond l-avviz legali*

*(b) li peliminarjament ukoll jigi rilevat li din il-kawza giet intavolata wara aktar minn xahrejn minn dakinhar li inghatat l-awtorizzazzjoni tal-Qorti fis-26 ta' April 2018 u l-esponenti jixtieq li jkun hemm provvediment u jinforma lil Qorti minn issa li huwa ma ghandux oggezzjoni li tali proceduri jigu sanati jekk ikun l-kaz.*

*(c) Dwar l-ewwel talba - huwa jaqbel mal-ewwel talba izda mhux għal ragunijiet li qed tagħti l-attrici tenut kont li qatt ma kien hemm vjolenza bejn il-partijiet anzi kienet kienet l-attrici li f'okkazjoni wahda marret thebb ghal konvenut bis-sikkina u li ma kienx ghat-tifel D li mar iwaqqafha kienet thebb ghalih; dwar theddid qatt ma kien hemm da parti tieghu u dwar ingurji gravi, sevizzi u minaccji sa fejn jaf huwa lanqas dan qatt ma kien hemm da parti tieghu. Se mai l-htija tal-firda hija l-attrici li abbandunat id- mit-28 ta' JIr 2015 u hadet lit-tfal maghha minghajr qatt ma biss ikkonsulat lil zewgha l-konvenut.*

*(d) Dwar it-tieni talba: huwa jopponi ghal din it-talba u dana stante kwantu ghat-tifel il-kbir D ghandu 18-il sena u għalhekk din it-talba fil-konfront tieghi hija inattendibbli tenut kont li huwa maggorenni. Dwar it-tieni wild Eser taghlaq 15-il sena u l-esponenti kien u ghadu involut f'hajjet it-tifla. Illi huwa ghandu relazzjoni tajba hafna ma uliedu u b'dak li qed titlob l-attrici huwa biex taljenah minn bintu tant li kemm-il darba t-talba taghha tigi milqugha huwa jigi michud mill-awtoritajiet dwar edukazzjoni, sahha u safar tal-istess minuri.*

*(e) Dwar it-tielet talba: it-tifel l-kbir huwa maggorenni u għalhekk jiddeciedi huwa ma min mil-partijiet jirrisjedi; filwaqt li huwa ma ghandux oggezzjoni li t-tifla tibqa tghix mal-omm cioe l-attrici.*

*(f) Dwar ir-raba talba: huwa ma ghandux oggezzjoni għal din it-talba ghajr li dan jitnaqqaslu mil-paga tieghu tenut kont li huwa dejjem ghadda manteniment lil martu kif ordnat l-Qorti fis-somma ta' tlett mija u hamsin (€350) kull erba gimghat ghaz-zewg ulied u nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha.*

*(g) Dwar il-hames talba: huwa ma ghandux oggezzjoni għajr li fejn jirrigwarda spejjez straordinajri ta' sahha u edukazzjoni u kif ukoll dwar attivitajiet extra-kurrikulari dawn isiru bil-kunsens tieghu.*

*(h) Dwar is-sitt talba - din ghandha tigi michuda stante li huwa ma ghandux arretrati ta' manteniment xi jhallas.*

*(i) Dwar is-seba talba - fil-prezent l-esponenti jiftiehem mat-tfal tenut kont l-eta taghhom - l-kbir huwa maggorenni u z-zghira ghandha 15-il sena u għalhekk tali talba huwa jaqbel maghha.*

*(j) Dwar it-tmien talba - rigward D huwa maggorenni u għalhekk tali talba ma tistghax tintlaqa fil-konfront tieghu u fir-rigward it-tifla tali safar għandu jkun bi qbil bejn l-partijiet. huwa ma joggezzjonax li l-passaport tat-tifla ghandu jinzamm mill-omm. Dwar l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi ohra u extra-kurrikulari huwa jirrileva li bhala missier huwa ghandu l-istess drittijiet tal-omm u dak li jghodd ghall-omm għandu jghodd ghalih ukoll.*

*(k) Dwar id-disa talba - din ghandha tigi michuda stante li huwa ma ddekadiet minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici.*

*(j) Dwar l-ghaxar talba - huwa ma ghandux oggezzjoni*

*(l) Dwar il-hdax il-talba: huwa ma ghandux oggezzjoni b'dan li anke fil-kaz ta' beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-konvenut l-istess tigi ordnata l-attrici.*

*(m) Dwar it-tnax il talba - huwa ma ghandux oggezzjoni*

*(n) Dwar it-13 il-talba - huwa jogezzjoni ghaliex huwa ma ddekadiex mil-jeddijiet konjugali kif jigi ppruvat waqt il-kawza.*

*(o) Dwar l-erbatax u l-hmistax-il talba - huwa ma ghandux oggezzjoni.*

*3.Salvi eccezzjonijiet ulterjuri*

*4.Bl-ispejjez kontra l-attrici li minn issa ingunta in subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut[5] li fiha ppremetta kif ġej:

*1. Illi l-kontendentii zzewgu fit-28 ta' Gunju 1999 gewwa Malta (Dok A).*

*2. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, D li twieled fis-16 ta' Gunju 2000 u Eli tiweldet fid-19 ta' Settembru 2003 (certifikati tat-twelid Dok B u Dok C) u ghalhekk ghadhom minuri;*

*3. Illi l-attrici ilha li abbandunat id-dar matrimonjali u lil zewgha r-rikorrenti ghal aktar minn sentejn ilu meta fit-tielet gimgha ta' JIr tas-sena 2015 meta r-rikorrenti wasal lura mix-xoghol sab ittra minghand martu l-attrici tghidlu li hija telqet bit-tfal u marret tghix f'appartament li għandha hu l- intimata Birzebbugia fejn għadha tghix hemmhekk flimkien ma ulied il-partijiet sal-lum;*

*4. Illi ghalhekk l-partijiet ilhom separate de facto minn dakinhar cioe ghal aktar minn tlett snin u l-intimata baqghet qatt ma rritonat fid-dar matrimonjali liema fond huwa proprjeta parafernali tar-rikorrenti kif jirrizulta mill-anness kuntratt Dok C.*

*5. Illi l-partijiet it-tnejn jahdmu full-time;*

*6. Illi fil-prezent l-access huwa liberu tenut kont l-eta taghhom u l-esigenzi tal-istudji taghhom pero dan isir regolarment u anke fil-vaganzi t-tfal ikollhom overnight stays mar-rikorrenti missierhom;*

*7. Illi dan iz-zwieg spicca minhabba sevizzi, minacci, theddid, swat, abbandun u u ingurji gravi da parti tal-istess attrici;*

*8. Illi l-esponenti gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali b'digriet moghti moghti minn din l-Onorabbli Qorti tas-26 ta' April 2018 (Dok D)*

*Tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

---

[5] Fol. 13.

*I. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u ghal finijiet tal-Artikolu ghal ragunijiet imputabblil lil konvenut 48(1) tal-Kodici Civili tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;*

*II. Tawtorizza lill-attur jghix separatatament minn mill-konvenuta martu;*

*III. Tordna li l-kura u kustodja tal-imsemmija minuri EB tkun kongunta bejn il-partijiet tenut kont li t-tifel il-kbir tal-partijiet huwa llum maggorenni u l-istess minuri tirrisjedi mal-omm jekk dan jibqa l-kaz;*

*IV. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti id- dispozizzjonijet tal-artikoli 48 u 50 tal-Kodici Civili;*

*V. Tikkundanni lill-attici thalals lil konvenut zewgha dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghal htiegijiet tal-imsemmija zewg ulied tal-partijiet li tigi ffissata mill-istess Qorti skond l-mezzi tal-attrici u l-bzonnijiet tulied pagabbli mill-attrici lil konvenut zewgha fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti u dan sakemm ulied l-partijiet jibqghu jistudjaw full-time sal-eta ta' tlieta u ghoxrin sena.*

*VI. Tikkundl lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur zewgha l-beni kollha dotali u parafernali tieghu u separatment tordna li l-attur jigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;*

*VII. Tiddikjara li l-fond huwa proprjeta parafernali tar-ragel u li ma ghandux aktar jitqies bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet;*

*VIII. Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekunarji tal-partijiet tikwalifika l-istess krediti ta' kull parti kontra l-komunjoni tal-akwisti tal-kontendenti liema ghandhom eventwalment jigu inkluzi fid-divizjoni tal-assi u d-debiti komprizi fl-istess komunjoni;*

IX. *Tiddikjara li d-djun li ghamlet l-attrici ghandha tassumihom kollha fl-intier taghha l-istess attrici;*

*X. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akwisti ezistenti bejn l-kontendenti, tillikwida l-assi u d-djun komprizi fl-istess komunjoni u kull komunjoni iehor inkluz fost dak id-dejn, id-dejn likwidat skond it-talba precedent u xxolji wkoll kull kommunjoni ezistenti bejn il-partijiet id-kompriz b'mod li jigu applikati kontra l-konvenuta disposizzjonijiet tal-artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili; tillikwida dan il-gid u d-dejn komuni u filwaqt li takkumula ghal divizjoni wahda l-gid u d-dejn komuni tal-partijiet sew dak li gej mil-komunjoni u tordna li l-istess gid u djun komuni jigu maqsuma f'zewg porzjonijit komposti kif jigi ordnat u stabilit minn din l-Qorti in vista, inter alia f'dak li jirrigward l-gid gej mil-komunjoni tal-akkwisti, tad-dati tal-akwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data sabilita minn din l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;*

*XI. Tordna li minghajr pregudizzja ghat-talba precedent l-fond tigi okkupata mill-attur ad eskluzjoni ta' martu l-konvenuta bl-eskluzjoni tal-konvenuta taht dawk il-provvedimenti kollha li jidhilha xierqa skond id-disposizzjonijiet tla-artikolu 55A tal-Kodici Civili;*

*XII. Tawtorizza lill-attur jirregistra ossija tnizzel fir-Registru pubblika is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.*

*XIII. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

*XIV. Tipponunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn l-partijiet fit-28 ta' Gunju 1999 tenut kont li l-partijiet ilhom separati de facto mit-28 ta' JIr 2015;*

*XV. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawn inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-konvenut rikonvenjenti;

Rat ir-risposta tal-attriċi rikonvenuta[6] għall-kontro-talba tal-konvenut:

*1. Illi l-esponenti taqbel mal-konvenut rikonvenzjonanti għat-talba tas-separazzjoni personali iżda dan mhux għar-raġunijiet premessi minnu stante illi l-ħtija għandha tiġi attribwita unikament lill-konvenut rikonvenzjonanti kif ser jiġi ppruvat waqt it trattazzjoni tal-kawża. Illi di piu', l-konvenut rikonvenzjonanti ma ndikax ir-raġur fil-liġi fuq liema bażi qed jitlob li l-esponenti tinsab hati għat-tifrik taż-żwieġ;*

*Għalhekk, it-talbiet in kwantu jimputaw xi tort lill-eċċipjenti għal ksur tal-ħajja miżżewġa huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu michuda bl-ispejjeż, u huwa l-konvenut rikonvenjonant li għandu jinstab hati tal-firda tal-kontendenti minħabba li naqas milli jottempora ruhu mal-obbligi matrimonjali; u ukoll hu ħati ta' vjolenza, swat, theddid, inġurji, sevizzi u minaċċji, fost affarijiet oħra, li rrendew il- ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti u t-tfal minuri kellhom jitilqu mid-dar matrimonjali;*

*2. Illi hija taqbel mat-tieni talba;*

*3. Illi hija taqbel limitadament mat-tielet talba in kwantu l-minuri EB għandha tibqa' tirresjedi mal-esponenti. Illi madanakollu hija toġġezjoni għat-talba rigward il-kura u kustodja stante li din għandha tiġi attribwita unikament lilha u dana fl-aħjar interess tal-minuri;*

*4. Tikkontesta ir-raba talba stante illi l-esponenti bl-ebda mod m'għandha tbagħti xi nuqqas jew tiġi imposta xi sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut, u dan għaliex kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-konvenut rikonvenzjonanti huwa unikament hati għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-kontendenti. Illi in oltre, a kuntrarju ta' dak allegat mill-konvenut rikonvenzjonanti u kif ser jiġi hekk ippruvat, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 u 50 tal-Kodiċi Ċivili għandhom jiġu applikati, fl-intier tagħhom jew parti minnhom, kontra l-konvenut rikonvenzjonanti;*

*5. Tikkontesta l-hames talba stante li kif ikkonferma l-istess konvenut rikonvenzjonant huwa ma għandux oġġezjoni li l-minuri EB tibqa' tirresjedi ma ommha, kif dejjem kien il-kaz. Di piu', il-wild D B, minkejja li huwa maggorenni*

[6] Fol. 32.

*ilu wkoll jirresjedi ma ommu u jixtieq li jibqa' jirresjedi hemm. In oltre, huwa fl-aħjar interess tal-minuri li l-ulied jirresjedu mal-esponenti. Għaldaqstant huwa l-konvenut rikonvenzjonant li għandu jiġi ordnat ihallas lill-esponenti ir-retta alimentari xierqa ghaz-zewg ulied;*

*6. Tichad is-sitt talba stante illi hija m'għandha l-ebda beni u krediti parafernali tal- konvenut rikonvenzjonant fil-pussess tagħha. Fi kwalunkwe każ, għandu jkun il-konvenut rikonvenzjonanti li jipprova l-eżistenza ta' tali beni u krediti parafernali, u jekk l-eżistenza ta' tali assi parafernali tiġi ppruvata mill-konvenut rikonvenzjonanti, kwalunkwe frott tal-istess beni jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili;*

*7. Taqbel mas-seba talba b'dana li hija għandha tiġi kkumpensata għall-benefikati kollha u għall-sehma;*

*8. Taqbel mat-tmien talba;*

*9. Tikkontesta d-disa talba;*

*10. Taqbel parzjalment mal-għaxar talba in kwantu l-komunjoni tal-akkwisti għandha tigi xolta u maqsuma iżda tikkontesta l-mod tal-qsim stante li huwa l-konvenut rikonvenzjonant li huwa hati għat-tifrik taż-żwieġ kif premess u kif ser jiġi ppruvat tul il-kawża;*

*11. Taqbel mal-ħdax-il talba;*

*12. Taqbel mat-tnax- il talba;*

*13. Taqbel mat-tlettax-il talba;*

*14. Topponi għall-erbatax-il talba f'dan l-istadju u dana peress li hemm diversi arretrati ta' manteniment li l-konvenut rikonvenzjonant huwa responsabbli li jħallas;*

*15. Taqbel mal-ħmistax-il talba in kwantu dan jirreferi għas-separazzjoni ta' bejn il- partijiet.*

*16. Illi l-esponenti topponi għall-ispejjeż kollha tal-kawża odjerna u dawk relatati mal proċedura ta' medjazzjoni.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut rikonvenzjonanti, inkluż tal-Ittri ta' Medjazzjoni, li hu nġunt minn issa għas-subbizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi rikonvenuta;

Rat il-verbal tat-15 ta' Jlr 2019[7] fejn il-Qorti appuntat lil Dr N O B bħala assistent ġudizzjarju biex tisma' l-provi bis-soliti fakultajiet u d-digriet tal-5 ta' Marzu 2024[8] li bih issostitwiet lill-istess, b'Dr Sean Apap Meli bl-istess inkarigu u fakoltajiet peress li Dr B kienet ser tirtira mix-xogħol;

Rat is-sentenza *in parte* mogħtija fil-kawża odjerna fil-15 ta' Ottubru 2019, fejn il-Qorti laqgħet it-talba konġunta tal-partijiet u *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet;

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-provi kollha li ġew mressqa quddiem l-assistenti ġudizzjarji;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi tal-21 ta' Awwissu 2024;[9]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut tal-31 ta' Ottubru 2024;[10]

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza[11];

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

---

[7] Fol. 38.
[8] Fol. 2779.
[9] Fol. 2789.
[10] Fol. 2816.
[11] Verbal tal-10 ta' Diċembru 2024 a. fol. 2873.

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, *stante* li z-zwieġ tagħhom tkisser, għar-ragunijiet gravi u tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Issir referenza għar-rikors promotur li permezz tiegħu l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-konvenut minħabba ħtijiet imputabbli lilu fosthom vjolenza, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċi li rrendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibli;

2. Tapplika kontra l-konvenut interament jew *in parte* d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16 u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-attriċi;

3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, aċċess u l-manteniment għall-ulied minuri D u Christine, aħwa B;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess bejn il-partijiet;

5. Tillikwida l-assi dotali u/jew parafernali tal-attriċi u tassenja l-istess lilha;

6. Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha "F".

Il-Qorti tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, illi permezz tagħha l-konvenut rikonvenjenti jitlob lill-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-attriċi minħabba sevizzi, minaċċi, theddid, swat, abbandun u inġurji gravi *da parti* tagħha;

2. Tapplika kontra l-attriċi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u 50 tal-Kap 16;

3. Tawtorizza lill-konvenut jgħix separatament minn martu;

4. Tordna li l-kura, l-kustodja tal-ulied għandha tkun konġunta bejn il-partijiet u tiddeċiedi dwar manteniment għall-ulied minuri;

5. Tiddikjara li l-fond huwa proprjetà parafernali tar-raġel u li ma għandux iktar jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet u tordna li għandu jkun hu li jirrisjedi fiha għad-esklużjoni ta' martu;

6. Tiddikjara li d-djun li għamlet l-attriċi għandha tassumihom kollha hi;

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tieħu in konsiderazzjoni l-krediti parafernali ossia pekunarji tal-partijiet liem għandhom jiġu inklużi fid-diviżjoni tal-assi u d-debiti kompriżi fl-istess komunjoni;

8. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat bejn il-partijiet fit-28 ta' Ġunju 1999 tenut kont li l-partijiet ilhom separati *de facto* mit-28 ta' Jlr 2015.

Għaldaqstant, il-Qorti tevalwa li għalkemm hemm qbil bejn il-partijiet sabiex tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali, hemm diżgwid kbir bejniethom fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ.

Ġjaladarba jirriżulta mill-atti li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser u m'hemmx ċans ta' rikonċiljazzjoni, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-provi prodotti biex tiddikjara l-firda bejn il-partijiet u tiddeċiedi lil min għandha tiġi attribwita l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ u kif ukoll tiddeċiedi rigward l-effetti konsegwenzjali taż-żwieġ, u dan kif jirriżulta abbażi tal-provi mressqa.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ

*Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut*

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit ippreżentat permezz ta' Nota fl-atti fit-30 ta' Lulju 2020[12] fejn tgħid li meta ltaqgħet ma' żewġha ogħġbuha diversi kwalitajiet fih fosthom li kien ġej minn familja tajba, kellu xogħol tajjeb u kien jagħmel anke *overtime*, kien imur il-quddies, kien jaf imidd idu fil-*maintenance* tad-dar u kienu jaqblu anke fil-pjanijiet tagħhom għall-futur.

Tibda billi ssemmi argument li kellhom fit-triq meta kienu sejrin iqassmu l-inviti tat-tieġ għaliex il-konvenut kien gerger li hi ma tmurx ħdejh fil-post li kienu qed jillestu bħat-tfajliet tal-ġuvintur li kellhom post ħdejhom. Tgħid li dak iż-żmien hi kienet taħdem *full-time* bħala għalliema tal-*kindergarten*, tagħmel *part-time*, tieħu ħiseb lill-familja tagħha għaliex kellha ommha mejta u kienet qed tagħmel il-preparamenti kollha tat-tieġ. Tgħid li qalet lill-konvenut li bejniethom spiċċa kollox iżda hu ħadha bi kbira ħafna u talabha taħfirlu.

Tgħid li qabel ma żżewwġu l-konvenut qatt ma semma ebda uġiegħ iżda meta żżewwġu kien dejjem "*jgħajjat b'dahru*". Tgħid li waqaf isemmi dahru meta xtraw saqqu "*jiswa l-belli l-liri*" iżda mbagħad bdew problemi oħra u ssemmi l-istonku, ġogi, *tendons, hamstrings*, saqajh, nervijiet, irkubtejh, rasu, *tennis elbow* u saħansitra għamel żewġ MRIs. Beda jmur ukoll għat-terapija u kien jgħidilha biex twasslu u tistennih biex ma jistrapazzax meta jsuq iżda hi tgħid li ma setgħetx tlaħħaq bil-ġiri tat-tfal, xogħol, tindif tad-dar, l-edukazzjoni tat-tfal, ħjata *etc*. Tgħid li l-laqgħat tat-tfal kienet tattendi għalihom hi biss u l-konvenut kien imur biss kunċerti tal-Milied u *prize days*. Tgħid li saħansitra darba nzertat bis-*sick* meta kellhom laqgħa tal-griżma tat-tifla u minkejja li talbitu biex għal darba jmur hu, hu rrifjuta li jmur.

Tkompli li apparti li ma kienet issib l-ebda għajnuna fih qata wkoll il-ħruġ wara ż-żwieġ u kienet spiċċat tmur kullimkien weħedha bit-tfal, saħansitra għand il-familjari tagħha li kienu jiltaqgħu kull nhar ta' Ħadd filgħaxija. Tgħid li kienet tiddejjaq meta n-nies jistaqsuha għalih u kienu jispiċċaw jargumentaw dwar dan u darba tgħidx kemm għajjat meta qaltlu u qalilha li din ma kienet affari ta' ħadd. Minn naħa l-oħra mbagħad kien ikun irid li l-Ħadd filgħodu joħorġu dejjem anke jekk kien ikun baqalha ħafna xogħol jew it-tfal kien ikollhom l-eżamijiet. Tgħid li mhux talli ma kien jgħinha xejn fl-affarijiet tad-dar, tant li lanqas kienet tkun tista' tqabbad *it-top loader* għax tqajjmu u joqgħod jgħajjat.

---

[12] Fol. 1600.

Tgħid li ftit ġimgħat wara li żżewwġu kellhom argument fuq id-dejn għaliex hi kienet temmen li għandhom jaqtgħuh malajr biex ma jeħlux interessi.  Tgħid li semmietlu anke parir ta' ħuha li kien jaħdem fil-finanzi l-Ingilterra u hu rrabja u garalha tuffieħa u qalilha li għaliha li jgħidu ħutha kollox tajjeb.  Tkompli li darba oħra meta t-tfal kienu żgħar kienet qed titwi l-ħwejjeġ u żewġha kien fuq is-sodda jara t-televiżjoni.  Tgħid li qaltlu biex jgħinha u missitlu l-għekiesi bix-xugaman li kienet qed titwi, biex tiċċajta, iżda tgħid li hu ħaseb li kienet qed terfa idejha fuqu u qam għaliha u taha daqqa fuq wiċċha tant li l-għada stħat tmur għax-xogħol għax kellha l-abjad t'għajnejha aħmar.

Tgħid li lanqas meta kien għadu kif kellha t-tieni tarbija b'ċesarja ma kienet issib għajnuna minnu u lanqas *bottle* qabel imur għax-xogħol ma kien ilesti 30għalkemm hi ma kinitx tkun raqdet bil-lejl minħabba t-tfal.  Din l-attitudni kompliet wara li daħlet lura xogħol, wara ħames snin u tgħid li kien jgħidilha li xogħolha mhux bħal tiegħu ħabba l-ħinijiet tal-iskola iżda kien jinsa li hi tqum qabel tlesti lit-tfal għall-iskola u tkompli magħhom wara.  Tgħid li kien igerger ukoll li kienet tagħmel il-preparazzjonijiet tal-iskola d-dar.  Hu kien iserraħ rasu li dmiru kien jagħmlu għaliex kien jaħsel il-platti wara l-ikel.

Tixhed illi lanqas ried li biex filgħodu jgħinha ftit joħroġ il-karozza tagħha mill-garaxx meta joħroġ tiegħu u hemm ħasset li għandha tiqaflu u qaltlu li jekk irid salad jippreparah hu.  Tgħid li "*Tgħidx x'għamel! Beda jgħajjat bħal miġnun u beda jgarali kull ħaġa li beda jsib taħt idejh!  Jien bqajt issumata u mwerwra. Waddabli l-frott kollu li kien hemm fil-fruttiera, sabbat u kisser ornament (bixkilla mżejna bil-frott u flixkun tal-fuħħar) u garali radju daqshiex!  Filfatt wieħed mill-kxiexen tal-kċina iċċipjat – għandu biċċa nieqsa.*"[13]  Tgħid li għadha tiftakar kemm beża' t-tifel dakinhar li kien fil-kċina ħdejhom.  Tippreżenta ritratti ta' kif ħalla l-post dakinhar.  Tgħid li dakinhar kienet kellmet lit-tabib tax-xogħol tal-konvenut li qalilha li l-konvenut kellu ħafna tensjoni fuq ix-xogħol.  Issemmi inċident ieħor fejn meta staqsietu jirranġa barmil id-dar huwa irreaġixxa b'ħafna twerżieq u għajjat u tkissir tant li reġgħet ċemplet lit-tabib li tah xi pilloli biex jirrilassa.  Tkompli li sħabu waqt picnic kienu qalula x'paċenzja jieħdu bih u għalkemm bdew jiċċajtaw hi ndunat li fil-fatt dak il-kumment kienu qed jgħiduh bis-serjetà.  Tgħid fil-fatt li f'tieġ li kellhom fl-2014 ħadd ma beda jkellimhom għax il-konvenut kien iġġieled mal-uffiċju kollu.

[13] Fol. 1665.

Tispjega li tiegħu biss kien tajjeb u fil-fatt anke meta kienet tkun trid tixtri xi ħaġa hi bi flusha, kien ikollha ssaqsi lilu għax filwaqt li hu kien jixtri li jrid, kien joġġezzjona li hi tixtri xi ħaġa. Tant kien hekk li darba oħtha xtratilha *sweeper* u beda jgħidilha li dik mhix tajba u mhix soda *etc*, imbagħad ċempel lir-raġel t'oħtha u beda jgħidlu li huma ma jaffordjawx dawk ir-rigali *etc*. Oħtha kienet irrabjat u hu baqa' baqa' sakemm waqt argument kisser din l-*isweeper.*

Tixhed li saħansitra għamel xenata biex it-tifel ma jibqax imur il-laqgħat ta l-abbatini ta' darba f'xahar (li kien jorganizza Dun Frans biex imbagħad imorru l-Vatikan meta jkollhom sittax-il (16) sena) għaliex kien beda jgħid li qed jeħlu ħafna petrol. Tgħid li kien ukoll iwaqqaha għaċ-ċajt quddiem in-nies. Tgħid li kienet saħanstra qalet lil ħutha biex ma jgħiduliex aktar meta joħorġu jieklu ma' ħuha li kien jiġi minn barra minn Malta għaliex il-konvenut dejjem kien jaqla' l-argumenti fuq din il-ħarġa.

"*Lil żewġi kont spiċċajt inkellmu tal-bżonn biss u nevita li nagħmel affarijiet li ddejquh. Inħalli lilu jgħid u jien inċaqlaq rasi. Lanqas biss kont nipprova niftaħ konversazzjoni miegħu għax mill-ewwel jgħidli li hu ma jinteressahx dak li kont qed ngħid."*[14] Tkompli li kien iħott kull ma tipprova tibni hi mat-tfal, u anke ommu stess kienet twiddbu għaliex kienet indunat kemm kien iwaqqalha l-kelma u ma jżommx magħha meta tipprova tiddixiplina lil uliedha. Tgħid li hi kienet tbati l-konsegwenzi ta' dan għaliex it-tifla kienet tmur tibki għand missierha meta hi kienet tiqfilha. Issemmi inċident meta kienet qed tistudja mat-tifla għal *benchmarks* u peress li huma kienu qed jistudjaw mar jogħdos waħdu u meta rritorna sajjar għalih waħdu, kiel u mar jorqod. Tgħid li kliemu u għemilu kienu juru kemm jimpurtah biss minnu nniffsu. Saħansitra qatt ma setgħu jsiefru għaliex ma kienx jinteressah is-safar iżda kienu jmorru ġimgħa Għawdex fejn seta' jinżel jogħdos.

Tgħid li t-tifel kien ġie ma l-ewwel tmintax (18), fl-eżami ta' Fr Frans għal opportunità l-Vatican u tgħid li ovvjament kienu tassew ferħu. Madanakollu l-konvenut ġab skuża bi rkobbtu u ma marx magħhom u lanqas ħallsilhom xejn biex imorru u kellhom jgħinuha ħutha u ommu biex tmur bit-tfal. Kien anke waqqafha milli tmur it-tieġ tan-neputija ġewwa l-Ingilterra. Kien biss għax qabżet għaliha l-kunjata li setgħet tmur bit-tfal. Tgħid li ommu saħansitra riedet tħallaslu hi, iżda hu xorta waħda ma riedx imur. Tgħid li kien jonfoq biss għal

---

[14] Fol. 1667.

kapriċċi tiegħu, għodda fil-garaxx, affarijiet għall-baħar, mobiles, *air condition* il-ħin kollu jagħti bejn Mejju sa Novembru *etc*. Tgħid li "*mbagħad aħna ma nistgħu nixtru xejn jew ma mmorru mkien għax il-ħin kollu sejjer li flus m'għandniex... Anke l-pantomina tal-Milied tal-Furjana qtajna għax m'għandniex flus!*"[15]

Tgħid li fuq il-flus kien ikollhom ħafna xi jgħidu għaliex kollox kienet tħallas mill-paga tagħha kemm għalihom għall-ikel u għad-dar, għat-tfal, uniformijiet, *birthdays*, parties, rigali, attivitajiet extra kurrikulari tat-tfal *etc*. Tgħid li qatt ma setgħet tfaddal mill-paga tagħha. Tgħid li hu qatt ma kienet tkun taf x'għandu u x'jonfoq eżatt. Madanakollu kien imur jara x'qed tonfoq hi mill-irċevuti li kienet iġġemma għall-lotterija tal-VAT. Tgħid li hu mhux talli ma kienx jittimbra l-irċevuti, talli tiegħu iwaddabhom fl-envelop biex tagħmilhom hi. Tgħid li kienet spiċċat li jagħmlu kull ma jrid hu biex ma jinqalgħux argumenti. Tispjega li lanqas f'affarijet ta' kompjuter, f'liem kien jifhem iktar minnha, ma kien ikun irid jgħinha u kien jgħajjarha li tawha ċ-ċertifikati għal xejn.

Lejn l-aħħar, tgħid li kien beda jgħidilha li abbandunatu għaliex ma kienx ikollhom x'jaqsmu spiss. Tgħid li hi kienet tgħidlu li jekk jgħinha u mbagħad filgaxija jsibha kemm trid. Tgħid li dan il-kliem stess kien qalulu Fr Joe ta' Kana meta marru għandu. Tgħid li meta t-tfal żdidulhom l-attivitajiet kienu jmorru jorqdu fl-10pm u dak il-ħin hija kienet tinħasel u tidħol fis-sodda iżda dak il-ħin kien jgħidilha li kien tard wisq għax l-għada ried imur għax-xogħol u li messha marret qabel. Tixhed li kien ikun irid li tgħaddi tiegħu f'kollox tant li saħanstra darba ċempel lit-tabib li kien ta antibijotiċi lit-tifel meta dan kien ma jiflaħx, imerih li dawk mhux tajbin għalih.

Tgħid li iktar ma beda jgħaddi ż-żmien is-sitwazzjoni iktar bdiet tiggrava u l-ġlied jiżdied tant li spiċċat li qalbha kienet il-ħin kollu tgħaġġel bil-biża' li kien joħolqilha. Tgħid li l-kunjati tagħha kienu jwissuh ħafna fuq hekk u hi kienet spiċċat tibża ħafna minnu. Kienet ukoll toqgħod b'seba għajnejn li t-tfal ma jagħmlu xejn ħażin biex ma jintilifx f'rabja. Tirrakkonta li f'Ottubru 2014 kienu qed jagħmlu bbq fuq il-bejt tad-dar u kien hemm il-ġenituri tiegħu u ħuħ u ħutha u t-tfal. Tgħid li kienu mal-mejda jieklu u ma qablitx miegħu fuq xi ħaġa u garalha l-mobile quddiem kulħadd. Oħtha qaltilha li meta niżlu isfel, missier il-konvenut kien qal lir-raġel ta' oħtha forsi jkellmu ftit hu għaliex huma kienu ilhom iwissuh u li kien ser jitlef lill-attriċi b'dak l-aġir.

[15] Fol. 1668.

Issemmi inċidenti oħra, fost l-oħrajn li ħalla ħassa fuq il-mejda u hi daħħlitha lura fil-fridge u hu għamel xenata għax ma naddfitilux u sabbat it-telefon u qalilha li ma setgħetx iċċempel lill-ħutha aktar. Dakinhar kienet qed iċċemplilhom biex tgħidilhom li peress li kienu marru ikla ma kinitx sejra filgħaxija. Dakinhar ma raqditx ħdejh u l-għada meta marret biex tuża t-telefon indunat li kien ħbieh. It-tifla saħansitra gidbet lil nannitha u qaltilha li t-telefon kien bil-ħsara għaliex it-tifla qalet lill-attriċi li jekk tgħidilha l-verità lin-nI, nannitha tkellem lil missierha u hi tibża mir-reazzjoni tiegħu!

Tgħid li mbagħad fejn qatt qabel ma kien għamel dan, żewġha ħadilha bukkett fjuri u telefon ġdid iżda tgħid li hi kienet issa xebgħet tgħix dik il-ħajja. Tgħid li bdew imorru għall-*counselling* għand Fr Joe ta' Kana iżda sakemm wasal l-appuntament tgħid li l-konvenut il-ħin kollu jwaqqaha taċ-ċajt fuq hekk għaliex għalih iż-żwieġ kien sejjer tajjeb. It-tifla saħansitra qaltilha li d-dar il-ħin kollu tiġri bis-salib f'idejha għaliex kienet tibża li missierha ser jaħbat għaliha. Tgħid li ma kinitx telqet minħabba t-tfal u ġietha agħar.

Tirrakkonta mbagħad l-aħħar inċident qabel telqet mid-dar.

> *"L-aħħar ġlieda kienet il-Ħadd, ħmistax il-ġurnata qabel l-eżamijiet tat-tifla. Kif diġà għidt żewġi jkun irid joħroġ il-Ħadd - akkost ta' kollox! Xhin fettillu u qam (xid-9.00 am) qalli "Fejn immorru llum?" U jien weġibtu li apparti li kont qed naħsel il-ħwejjeġ, ridt nibda nistudja ftit mat-tifla għax dalwaqt l-eżamijiet, iżda għidtu li xi 10.45am jekk hu jkun irid, nieħdu lit-tfal bir-roti mal-baħar. Ghettlu jkoll biex jittawal il-washing machine għax kellha s-sadid. Indunajt li ma ħax pjaċir iżda mar. U beda l-ġlied!*
>
> *Safrattant il-ħwejjeġ kienu lesti. Kien fadalli biss nonxor l-aħħar ftit. Waqt li kont qegħda nonxor fuq il-bejt, ħareġ jgħajjat fuq il-bejt b'gargi daqshiex jgħajjarni traskurata u kliem ieħor degraganti – għax kien għad hemm l-ilma fil-fliskatur ...... Semagħtu jgħajjat nofs Marsaskala żgur! Pruvajt ma nkellmux biex kemm jista' ma nkomplux indaħħku nies. Lestejt dak li kelli nlesti u nsilt isfel nistudja mat-tifla. Wara ftit niżel hu għal xi ħaġa u riedni nitla' miegħu fuq bilfors biex jurina li l-magna irrovinajta ..... ghattejthomlu u l-bajd (peress li meta jiksah isir qisu lakstu) ghamilthomlu gol-foil biex żgur jibqghu shan u tajbin*

*Kieku tafu x'għamel fi xhin ġie lura biex jiekol! L-ewwel ma beda kien li jien irrid noqtlu għalhekk ghamiltlu l-bajd ġol-foil! Umbagħad kompla jgħajjat u jwerzaq għax sajjartlu l- burgers. "Dawn sajjartli LILI - dawn. Dan ikel li jixraq lili! Qieghed fuq nahdem!" Garali s-sauce miftuħ fuq sidri - imlili flokk kollu sauce (b'dan il flokk mort għand il-pulizija iktar tard). Qabad fruttiera daqshiex taċ-ċeramika u waddabha fl-art u saret trab. Kont ilni ngħidlu biex ma jkissirx iktar. Mort biex naqbad it-telefon halli nċempel lill-pulizija iżda hu, li induna x'ser nagħmel, ġie biex iwaqqafni u ma jhallinhiex. Sat-tifel kellu jidħol bejnietna biex iferraqna. Dak inhar tant bżajt li qbadt sikkina biex nipprotegi lili nnifsi biex hu ma jersaqx lejha u ma jsawwatniex. L-għada qomt b'ugiegħ f'sieqi u sibt li kelli it-tbenġil (Ara ritratti hawn annessi u mmarkati bħala Dok A 2).*

*Fi xhin żewġi telaq minn ġol-kċina, għidt lit-tfal biex imorru jġibu l-uniformi, jixħtu l-kotba kollha tal-iskola ġol-basket u jinżlu isfel fejn il-bieb ta' barra. Safrattant jien qbadt il-laptop, l-files tal-iskola tiegħi, iż-żraben u slippers tat-tfal, ħadt iċ-ċwievet, ħriġt u ħallejt kollox fil- parapett u mort niftaħ il-garaxx. Hrigt il-karozza iżda xhin mort quddiem id-dar la sibt lit-tfal u lanqas l-affarijiet. Indunajt li hu żamm it-tfal u daħħal l-affarijiet għax induna l-intenzjoni tiegħi x'inhi. Wara sirt naf li, lit-tfal sakkarhom fil-kamra tas-sodda biċ-ċavetta u fethilhom meta t-tifel kien għoddu kisser il-bieb bid-daqqiet li beda jagħti fuqu!*

*Xhin rajt hekk bqajt sejra l-għassa ta' Marsaskala. Hemmhekk sibt żewġ pulizija u jien bdejt ngħajjat bħal mignuna "Ejjew oħorġuli t-tfal mid-dar". Huma pruvaw jikkalmawni u ċemplu l-għassa ta' Żabbar. Qabduni ma surgent u jien bqajt ninsisti biex jiġu ħa joħorġuli t-tfal mid-dar. Iżda dan is-surgent qalli li jekk huma jiġu d-dar, ikollhom jagħmlu rapport, u t-tfal ikollhom jitilgħu l-qorti. Qalli biex immur id-dar u l-għada mmur inkellem avukat. Qalli li l-liġi inbidlet u jekk nitlaq mid-dar xorta għandi dritt għal ħwejġi. Peress li jien ma ridx li uliedi jitilgħu l-qorti, għamilt kif qalli dak is-surgent. Ergajt mort id-dar u l-għada filgħodu cempilt avukat u mort għandu. Hu kien tagħni l-parir li mmur l-policlinic u jien mort u gibt certifikat tal-ġrieħi tiegħi (Ara ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok A3).*

*Bil-liġi kont naf li żewġi suppost kellu jitlaq mid-dar, avolja d-dar kien xtraha hu ftit qabel ma beda joħroġ miegħi. Iżda kont naf li jekk nissuġġerixxi biex dan iseħħ, il-konsegwenzi kienu jkunu gravi! La kien jitlaq hu, la jħalli lili nitlaq u wisq inqas lit-tfal! Għalhekk qbadt u tlaqt bla kliem u bla sliem biex nevita xi disgrazzja! It-tfal għidtilhom bid-deċisjoni tiegħi u huma aċċettaw u qablu mad-deċiżjoni tiegħi."*[16]

Tgħid li telqet mid-dar imbagħad fit-28 ta' Jlr 2015 u ġabret it-tfal mill-iskola. Għarrfet lill-ġenituri tal-konvenut wkoll bid-deċiżjoni tagħha u tgħid li huma qablu magħha. Tgħid li marret għand il-psikologa Ms Mariella Dimech għaliex kienet imkissra u għand il-Profs David Mamo li tgħid li qalilha li għamlet l-aħjar deċiżjoni għaliex anke t-tifel kien jiddakkar mill-aġir ta' missieru. Tgħid li fil-medjazzjoni ma waslux għal ftehim għaliex baqa' jinsisti li ried jieħu flusha parafarenali u nofs il-flus li kellhom imġemmgħin għat-tfal.

Fil-kontro-eżami[17] tinsisti li wara x-xogħol il-konvenut kien biss jaħsel il-platti għax il-bqija kien jiekol, jinħasel, jorqod u jmur passiġġata u mbagħad isib l-ikel lest u jmur jara t-television. Jgħid li mhux talli ma kienx jgħin lit-tfal fl-istudju, talli darba t-tifla kienet qed tistudja biex titla Form 1 u ħbitilha l-IPAD bħala *punishment* għaliex ma kinitx qed tistudja u l-konvenut ried jaħbat għaliha minnflok ma ssuportjaha.

Tgħid li rigward it-terapija li kien imur kull ħmistax – tliet ġimgħat, darba wasslitu hi u qalilha li sabu sew ma jsuqx ħabba rkopptu u talabha tibda twasslu u tistennih hi kull darba. Tgħid li hi qalet lil ommu li hi żgur ma kinitx ser tlaħħaq tibda tieħdu hi wkoll għat-terapija flimkien ma l-affarijiet l-oħra kollha li kienet tagħmel. Tgħid li mbagħad fil-fatt il-konvenut baqa' jmur hu waħdu.

Tgħid li l-Vatikan ma marx għax ma riedx hu għax ommu riedet tmur ukoll u riedet tħallaslu. Ma kienx għalhekk veru li ma marx minħabba l-flus. Tgħid li filgħaxijiet fis-Sajf kienu jmorru għand ommu iżda hu la kien imur magħhom għand ommu u lanqas għand il-familja tagħha ġewwa Birżebbuġa. Tgħid li darba ħbielha ċ-ċwievet biex ma tmurx biex ma taħlix petrol iżda mbagħad l-għada ma beżax li jaħli petrol biex mar *Anchor Bay* jogħdos. Tispjega li għall-

[16] Fol. 1672.
[17] Seduta tad-9 ta' Marzu 2021 a fol. 2064.

bidu taż-żwieġ il-konvenut kien jinżel magħhom Birżebbuġa iżda mbagħad ma baqax u n-nies bdiet tinnota.

Tgħid fis-seduta tat-30 ta' April 2021[18] li hi ma kinitx tagħmel rapporti mal-Pulizija u lanqas ċertifikat mediku għaliex baqgħet temmen fiż-żwieġ sal-aħħar u xtaqet li ż-żwieġ tagħha jibqa' sod. Tgħid li omm il-konvenut kienet tmur tgħinha meta kellha t-tifel b'ċesarja, iżda l-bqija dejjem hi ħaslet u għamlet kollox. Dwar is-seftura tgħid li l-konvenut qala ħafna argumenti għax qalilha li kien missha tistħi għaliex ommu qatt ma kellha seftura iżda bdew iġibuha tgħinha sagħtejn kull tliet ġimgħat taħsel l-art. Tgħid li hi dejjem kienet tispiċċa tagħmel kollox bil-ġenn u minkejja li kienet taħdem il-konvenut baqa' ma jagħmel xejn ħlief il-platti. Tgħid li lil ħutha qatt ma fetħet qalbha magħhom iżda omm il-konvenut kienet taf kollox. Tiddiskrievi lilha nnifisha bħala armla bir-raġel ħaj għaliex tgħid li kienet tmur kullimkien weħedha speċjalment il-laqgħat tat-tfal. Mistoqsija l-konvenut kienx ikun ix-xogħol meta ma kienx joħroġ magħhom, hi tispjega li l-laqgħat kienu jkunu filgħaxija u l-konvenut kien ikun spiċċa mix-xogħol u *overtime* kien jagħmlu biss meta t-tfal kienu żgħar.

Tgħid li meta kienet sejra *bowling* mal-familja tagħha ma kkonsultatx lil żewġha għaliex hu qatt ma kien joħroġ magħhom. Meta damu tgħid li ma ċempilx lir-raġel ta' oħtha għax kien inkwetat għaliex kieku ma kienx iwerżaq b'dak il-mod u jsabbat fuq il-bank tal-kċina meta rritornat d-dar. Tgħid li hi kienet tippretendi li żewġha jmur magħha bħal ma jagħmel ħaddieħor. Tgħid li kienet tgħid lil ommu b'kull inċidenti gravi u li lil ommu qatt ma ħbitilha xejn. Dan kienet tagħmlu biex tiftaħ qalbha. Mistoqsija tgħid ikkonsultatx ma' żewġha qabel webblet lit-tifel biex imur il-Vatikan, hija tgħid li ma' żewġha ma kienx hemm kommunikazzjoni. Tgħid li ma kienx isiefer għaliex ma jinteressahx mhux għax kien jibża' mill-ajruplan jew idejjqu l-għeluq u li dan is-suġġeriment kien novità għaliha.

Tinsisti[19] li l-karozza tat-tip Renault li xtraw *second hand* ma kellhomx bżonnha għaliex diġà kellhom il-karozza Mitsubishi li kienet kbira biżżejjed għall-*campings* imma tgħid li bħal f'kollox il-konvenut kien xħiħ fil-flus għal kollox barra għall-affarijiet li kien ikun irid hu. Mistoqsija tikkonferma li ġod-dar hi kienet tiddetta, fejn kienet iddettat anke fejn issir is-sodda meta għamlu din il-kamra, l-

[18] Fol. 2125.
[19] Seduta tal-24 ya' Novembru 2021 a fol. 2217.

attriċi tgħid li li kieku kienet tikkmanda hi ma humiex hawn illum.  Tgħid li l-problema tal-konvenut kienet li kien igara l-affarijiet, isabbat u jkisser.  Tkompli li hi ma kinitx marret tagħmel rapport l-għassa dakinhar li tefalha l-mobile quddiem il-familjari għaliex hi kienet tħoss li jekk tmur tagħmel rapport ikun ifisser li ż-żwieġ spiċċa għaliex wara li tagħmel rapport ma kinitx ser tmur lura mar-raġel.

*Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:*

<u>*Ix-xhieda ta' Marisa Russo, ħaddiema soċjali mill-Aġenzija Appoġġ fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019*[20]</u> li tispjega li hija ġejja mid-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika.  Hija tgħid li l-attriċi għamlet kuntatt magħhom l-ewwel darba fid-29 ta' Jlr 2015 u baqgħet f'kuntatt sat-18 ta' Diċembru 2015.  Hija għamlet kuntatt magħhom għaliex qalet li matul iż-żwieġ tal-kontendenti hi kienet kontrollata minn żewġha.  Tgħid li l-attriċi semmiet diversi inċidenti fosthom meta kienet qed tagħmel xi ikel tal-konvenut ġol-*foil* u huwa akkużaha li qed tikkontaminalu l-ikel u nqala argument u tefalha flixkun *ketchup* u affarijiet oħrajn fosthom siġġu.  Riżultat ta' dan qaltilhom li kellha tbenġilha fuq ġenbejha u fuq il-koxxa u minħabba f'dan l-inċident kien iddeċidiet li titlaq mid-dar.

L-attriċi kienet tkellmet magħhom ukoll fis-sens li ma kinitx tħossha apprezzata d-dar għaliex kienet taħdem, tagħmel ix-xogħol tad-dar, tieħu ħsieb it-tfal *etc* u r-raġel kien dejjem jgħajjarha u jimplika li ma kienet taf tagħmel xejn.  Tgħid li eventwalment kienet bdiet proċeduri ta' separazzjoni u l-affarijiet bejniethom ikkalmaw u r-raġel kien qed jara lit-tfal regolarment u għalhekk il-każ ingħalaq.  Hija tippreżenta dokument li juri notamenti mill-*file* tal-attriċi.

<u>*Xhieda ta' Rev Fr Joseph Mizzi fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2020*[21]</u> li jixhed illi huwa ltaqa' ftit drabi mal-partijiet bi skop ta' rikonċiljazzjoni iżda li ma jiftakarx dettalji u ma kienx ħa notamenti.

<u>*Xhieda ta' Dr David Attard fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2020*[22]</u> li jixhed illi huwa konsulent tal-kumpanija *Play-Mobile* u l-konvenut impjegat mal-istess Kumpanija.  Jaf lill-konvenut għaliex meta jkun hemm ċertu problemi

---

[20] Fol. 1570.
[21] Fol. 1648.
[22] Fol. 1651.

jikkonsultaw lilu u ovjament kien anke jinvistah id-dar. Lill-attriċi jafha għaliex ovjament kienet tkun id-dar meta jinvistah u kienet tikkomunika miegħu wkoll.

Isemmi problemi komuni li jiftakar li kien ikollu l-konvenut bħal uġiegħ fsaqajh, irkopptu *etc*. Jgħid li kien hemm perjodu ta' stress ukoll. Jgħid li l-konvenut huwa bniedem metikoluż u jaħseb ħafna u għandu l-fama li jfittex id-dettall u li "*naqra puntiljuz zzejjed*"[23].

_*Xhieda tar-rappreżentant tar-Richmond Foundation waqt is-seduta tas-17 ta' Settembru 2020*_[24] li tippreżenta *session notes* tal-appuntamenti li l-konvenut kellu mal-Fondazzjoni.

_*Affidavit ta' J K ossia oħt l-attriċi, debitament maħluf u ntavolat permezz ta' nota tat-30 ta' Lulju 2020*_[25] li tikkorabora l-verżjoni ta' oħtha u tgħid li hija bdiet tinduna li hemm xi ħaġa ħażina fiż-żwieġ ta' oħtha meta darba kien hawn ħuhom minn barra u ħarġu bħala familja u l-konvenut kien ċempel lir-raġel tagħha jgħajjat u jgħidlu li kien messhom jistħu kienu għadhom barra f'nofsilejl. Tgħid li huma kienu baqgħu jħarsu lejn xulxin, ssumati u qas riedu jemmnu. Tgħid li dakinhar ħasbu li minjaf allura x'kien ser jagħmel lil oħtha meta tasal id-dar iżda oħtha ma semmitilha xejn dwar dan.

Tgħid li minn dakinhar bdiet toqgħod iktar attenta għal x'kien qed jiġri u ndunat li oħtha ma setgħet tagħmel xejn mingħajr il-permess tal-konvenut bħal meta għamlu għażla ta' karozza eżatt kif ried il-konvenut. Tgħid li anke sempliċiment meta kienu joħorġu bħala familja kien ikun irid li jmorru fejn irid hu u darba meta t-tfal tagħha xtaqu jaraw film partikolari, f'nofsu hu qabad it-tfal u telaq il-barra. Tirrakkonta wkoll l-inċident tal-*isweeper* li tixhed dwaru oħtha l-attriċi. Tkompli li anke meta kienet tkun mal-familja tagħhom kien joqgħod iċemplilha u mas-7.30pm kien ikollha titlaq. Tgħid li ma kienux jissugraw isaqsuha x'kien qed jiġri għax qisu kulħadd kien jibża' mit-tweġiba. Qabel ma titlaq minn magħhom kienet tgħidilhom biex jitolbu għaliha. Tikkorabora l-verżjoni ta' oħtha ta' meta kellhom bbq fuq il-bejt u tgħid li l-konvenut f'daqqa waħda kien beda jgħajjar lil oħtha "injoranta" u raw il-mobile itir lejn oħtha u ħasbu li allura jekk għamel hekk quddiemhom u quddiem il-ġenituri tiegħu, minjaf x'jagħmel meta jkunu

[23] Fol. 1652.
[24] Fol. 1863.
[25] Fol. 1852.

weħedhom. Tgħid li hi kienet titlob ħafna għal oħtha u tibża li l-konvenut ser jagħmlilha xi ħaġa imma kienet tħoss li ma tista' tagħmel xejn iktar minn hekk. Tgħid li darba saħansitra l-konvenut ħbielha ċ-ċwievet tal-karozza biex ma toħroġx magħha biex ma teħlix petrol.

Tgħid li fid-19 ta' Jlr 2015 kienet ċemplitilha oħtha l-kbira L u qaltilha li l-attriċi oħthom kienet marret għandha tibki u qaltilha li kellhom xi jgħidu hi u żewġha u li dan kien vjolenti magħha. Raw it-tbenġil u ħadu xi ritratti u x-xhud kellmet lil ħuthom is-subien u marru għand avukat. Tgħid li kulħadd kien tal-fehmha li oħtha titlaq mid-dar qabel ma jkun tard wisq.

Fil-kontro-eżami[26] mistoqsija tispjega kif pretendew li l-konvenut ma jinkwetax u ma jċempilx jekk kienu nofsilejl u l-mara u t-tfal għadhom barra, hija twieġeb li l-problema kien li għamel xenata kbira u hemm mod u mod kif jara hux kollox sew. Tinsisti li l-film li tirreferi għalih fl-affidavit tagħha u li kienu marru jaraw u l-konvenut telaq f'nofsu bit-tfal, ċertament li ma kienx tal-biża jew li kien fih vjolenza. Tgħid li meta oħthom l-attriċi kienet tkun għandhom kienet il-ħin kollu tħares lejn il-ħin għaliex il-konvenut kien jagħmel xenata jekk iddum.

Tgħid li lit-tifla tal-partijiet, u *ċioé* lin-neputija tagħha, kienet staqsietha, wara li telqu mid-dar, x'kien jagħmel missierha d-dar u din qaltilha li hi kienet tibża' minnu u li x'ħin kienet tisma' ċ-ċavetta kienet taħrab tiġri ġol-*washroom* bis-salib.

<u>*Affidavit ta' M F ossia ħu l-attriċi, debitament maħluf u ntavolat permezz ta' nota tat-30 ta' Lulju 2020*</u>[27] li jgħid li jiġi ħu l-attriċi u li jikkorabora l-verżjoni ta' oħtu l-attriċi u ta' oħtu J. Huwa jżid li darba l-attriċi kienet qatgħet il-*ligaments* ta' saqajha u hu u ħuħ l-ieħor kienu jmorru jarawha u darba minn dawn l-istanzi sabuha fit-tielet sular taħsel il-ħwejjeġ minflok isserraħ saqajha. Jgħid li x-xogħol tad-dar u l-ġiri tat-tfal kien kollu fuq oħtu. Jgħid li l-konvenut kien jagħmel l-affarijiet tiegħu, mbagħad meta oħtu kien ikollha bżonn xi ħaġa kien ikollha ċċempel lilhom. Jgħid li darba t-tifla tal-partijiet, kienet weġġgħet saqajha u l-attriċi ħaditha l-isptar u l-konvenut minflok mar jara għandhomx bżonn xi ħaġa kien baqa' d-dar u qal lix-xhud, meta dan ċempillu, li kien qiegħed id-dar isajjar il-ħut għax fjakka.

---

[26] Seduta tal-24 ta' Ġunju 2022 a fol. 2660.
[27] Fol. 1854.

Fil-kontro-eżami[28] isemmi diversi episodji dwar il-konvenut, bħal per eżempju meta ried imur *camping* fix-xita, meta sab lil oħtu fit-tielet sular tkompli x-xogħol tad-dar meta kienet qaċċtet il-ligaments, darb'oħra meta l-konvenut bagħat għal missieru biex imur jiġbor lill-attriċi mill-isptar għaliex hu mar ikla u dan kien jafu għax qaltlu oħtu. Huwa jinsisti li t-tifla ma tridx taf b'missierha u li t-tifel għamel żmien ma jkellmux ukoll.

*Affidavit ta' N O sive L Schembri ossia oħt l-attriċi, debitament maħluf u ntavolat permezz ta' nota tat-30 ta' Lulju 2020*[29] li tikkorabora l-verżjoni ta' ħutha u tgħid li anke omm il-konvenut kemm-il darba kienet twissih u ssikktu.

Fil-kontro-eżami[30] tinsisti li kemm-il darba rat lil omm il-konvenut issiktu meta kien ikun agressiv għaliex il-konvenut ma kienx jaf jikkontrolla r-rabja tiegħu.

*Il-verżjoni tal-Konvenut u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Attriċi:*

Il-konvenut jixhed permezz ta' affidavit ippreżentat waqt is-seduta tal-24 ta' Ġunju 2022.[31] Huwa jgħid li ltaqa' mal-attriċi meta kellu tmienja u għoxrin (28) sena u hija kellha disgħa u għoxrin (29) sena. Dak iż-żmien huwa kellu post tiegħu li kien lest u kien jonqsu biss il-madum u l-kmamar tal-banju. Jgħid li madanakollu l-attriċi kienet ħadet lil oħtha u lir-raġel t'oħtha li huwa bennej, biex jarawh u ordnawlu jiftaħ arkata bejn il-kċina u l-living area u għalkemm huwa ma riedx jerġa' jaqla, jgħid li biex iżomm il-kwiet ikkuntentaha. Jgħid li l-madum ta' l-art u l-kmamar tal-banju marru jagħżluhom flimkien u ħallsithom l-attriċi. Jgħid li tul l-għerusija qatt ma ħassru jew l-attriċi qaltlu li spiċċa kollox bejniethom kif tgħid l-attriċi.

Isemmi episodju li jgħid li ġara wara madwar sena li kienu ilhom flimkien fejn sab ġuvni barrani għand il-ġenituri tagħha u l-attriċi talbitu jwasslu l-lukanda fejn kien qed joqgħod u l-konvenut skopra li l-mara kienet qed toħroġ miegħu iżda ddeċidiet li tibqa' miegħu. Fuq l-artal meta żżewwġu jgħid li l-attriċi daret fuqu u staqsietu x'qed jagħmlu hemm u hu qalilha biex ma taqtax qalbha.

---

[28] Seduta tal-24 ta' Ġunju 2022 a fol. 2687.
[29] Fol. 1857.
[30] Seduta tal-24 ta' Ġunju 2022 a fol. 2678.
[31] Fol. 2297.

Jgħid li fid-dar kien jagħmel li jkun hemm bżonn, jaħsel il-platti u l-ħġieġ, ġieli sajjar u jagħmel dak kollu li jinqala. Jixhed illi xi sentejn jew tlieta wara li żżewwġu tah uġiegħ kbir f'daru u Dr David Attard bagħtu jagħmel terapija ġo pool u qallu wkoll sabiex jixtri saqqu tajjeb. Jgħid li dahru beda jgħaddilu meta beda jagħmel terapija l-*Inspire* u gym li kien imur l-*Inspire* ukoll. Kellu mbagħad ukoll problemi f'irkobbtu u kellu jagħmel MRI. Jgħid li x-xogħol kienu jħallsu għal dan kollu għax kellu polza tal-assikurazzjoni medika tax-xogħol. Tul iż-żmien li kellu uġiegħ f'daru jgħid li xorta baqa jmur ix-xogħol iżda għat-terapija kien jgħid lil missieru jwasslu għaliex Dr Attard kien jgħidlu biex ma jsuqx wara.

Dak iż-żmien jgħid li l-attriċi martu kienet iġġib waħda tgħinha d-dar iżda jgħid li hu xorta kien jgħin billi jaħsel il-platti, jixtri, jiknes l-art u jekk tagħmel ix-xita tal-ħamrija jaħsel il-ħġieġ, jirranġa l-qsari u jekk ikun hemm bżonn tibjida jagħmilha. Dwar il-laqgħat tat-tfal jgħid li kien imur mal-attriċi ħlief meta ma kienux ituh il-*leave*. Il-laqgħat tal-Mużew jgħid li mhux talli kien imurhom, talli kien jieħu gost imur għax jiltaqa' ma' dawk li kienu jgħallmu lilu wkoll. Jgħid li kien ukoll iwassal lit-tfal l-*isports*.

Jgħid li hu minn qabel iż-żwieġ kien qal lill-attriċi li ġo follol ma jmurx u għamilha ċara li festi u meetings politiċi ma jmurx. Jispjega li kienu joħorġu kull nhar ta' Ħadd jew bit-tfal ta' Qali jew picnic jew jorganizzaw bbq u mal-4pm jew l-5pm kien ikun jixtieq ikun id-dar għaliex l-għada fil-5am kien jibda xogħol. Jgħid li l-Ħadd filgħaxija kien jgħid lill-mara tmur bit-tfal għand ħutha u hu joqgħod id-dar iżarma u jaħsel kollox u jipprepara għax-xogħol. Jgħid li lilha kien iħalliha libera u kienet tagħmel sat-8.30pm id-9pm għandhom. Jgħid ukoll li fis-Sajf kienet tmur ukoll il-Ħadd tard wara nofsinhar iżda hu ma kienx baqa' jmur għaliex "*ħlief jitkellmu fuq in-nies u politika tielgħa u politika niezla ma kienux jitkellmu"*[32] Jgħid li wara x-xogħol fis-Sajf il-mara u t-tfal kienu jkunu d-dar u kienu jmorru kollha għand ommu u meta kien ikun għajjien l-attriċi kienet tmur weħedha.

Isemmi kif fil-vaganzi tal-Milied kienu jieħdu lit-tfal jaraw presepji, fil-vaganzi tal-Għid imorru *camping* u fis-Sajf imorru Għawdex, ġieli ma' oħtha u l-ġenituri tiegħu. Jgħid li kien jorganizza ħarġiet kulturali, *picnics* u *parties* għall-familja u dejjem ħadu gost.

[32] Fol. 2301.

Jgħid li l-attriċi fis-sodda kienet tfittxu skont l-aptit u meta jlestu tgħidlu li m'għandiex ngħas u tmur taqra u tħallih waħdu. Jgħid li hu kien jgħidilha li ma jridx, meta kien ikun għajjien bħal ma kienet tgħidlu hi.

Jiċħad li kien ikollhom argumenti meta ommu kienet tkun magħhom u nhar ta' Ħadd l-attriċi qatt ma gergret miegħu, ħlief fl-aħħar sena li kienu flimkien, li ma tridx li joħorġu, Meta kienet tgerger miegħu, biex iżomm il-kwiet, kien jaqbad u jmur il-baħar waħdu. Fiż-żmien l-eżamijiet tat-tfal jgħid li ma kienux joħorġu. Jgħid li hu lanqas kien jaf li kien ġie r-raġel tal-kuġina tal-mara Malta għax hu ma kienx jinżel Birżebbuġa għand il-familja tagħha u l-attriċi lanqas qaltlu għaliex kienet taf li ma jieħux pjaċir imur hemm. Jgħid li dwar il-magna tal-ħasil, hu kien jgħid lill-attriċi martu biex ma tqabbadiex kmieni filgħodu u tard bil-lejl għaliex dawk m'humiex ħinijiet tan-nies u mhux sewwa għall-ġirien għaliex kollox kien jinstema.

Jiċħad li kien hemm episodju fejn tefalha tuffieħa għaliex iġġildu fuq il-loan u jgħid li dwar il-loan, meta kien baqa' ħamest elef Lira Maltin (LM5000) x'jitħallsu kienu ddeċidew flimkien li jaqtgħu d-dejn. Jiċħad ukoll l-inċident ta' meta l-attriċi kienet qed titwi l-ħwejjeġ fejn tgħid li ta daqqa f'wiċċha u għajnejha ġiet ħamra. Jgħid li l-ġenituri tiegħu kienu jgħinuhom kemm finanzjarjament u anke jwasslu lit-tfal għall-attivitajiet li kien ikollhom u fil-ħwejjeġ. Jgħid li martu għamlet ħames snin ma taħdimx u huwa kien jagħmel ix-xogħol tiegħu regolari u meta jkun jista' anke *overtitme* u xogħol għand in-nies. Jgħid li bil-paga biss ma kienx ser ilaħħaq mal-iskejjel tat-tfal, trasport, l-ispejjeż tal-ħajja u tal-loan.

Jispjega li l-karozza filgħodu kien joħroġielha meta kien ikun hemm *parking* fejn iħalliha iżda li l-attriċi dakinhar tal-inċident tas-*salad* kienet baqgħet tinsisti li l-konvenut ma riedx joħroġielha. Jiċħad li kien hemm incident f'dan is-sens u jgħid li r-ritratti li esebiet il-mara ma kellhom x'jaqsmu xejn u li kollox kien impoġġi hemm għar-ritratti u li mhux vera ġara dan l-inċident. Jiċħad ukoll li t-tabib tax-xogħol qatt tah pilloli biex jikkalma u jgħid li tah pilloli biss meta kellu problema fl-irkoppa. Anke l-inċident tal-*isweeper* jgħid li kien kollu ivvintat.

Jiċħad ukoll li qatt kellu problema man-nies tax-xogħol tiegħu u jgħid li meta il-konvenuta telqet mid-dar sħabha kienu qalulu kemm kienet dominanti fuq il-post tax-xogħol u li dejjem trid tkun fiċ-ċentru tal-attenzjoni. Jgħid li lill-attriċi qatt ma ndaħlilha x'tixtri u lanqas kien jaf li oħtha xtratilha *sweeper*. Jgħid li fil-*maternity,*

meta martu ma kinitx taħdem, kien għamlilha *cashlink* u hi kienet tiġbed flus li jkollha bżonn. Meta kienu jaħdmu t-tnejn jgħid li kienu miftehmin li hi tieħu ħsieb tixtri l-ikel u l-bqija kollox hu u *ċioé* miżati tal-iskejjel, trasport tat-tfal, kontijiet, *insurances* u liċenzji tal-karozzi *etc*.

Jgħid li meta t-tifel intgħażel biex imur il-Vatikan kien ħa pjaċir u hu u l-attriċi ftehmu li joħorġu l-ispejjeż nofs bin-nofs. Jgħid li ommu ħallset il-passaġġ tat-tifel u marret magħhom għax hu ma setax għax ma tawhx *leave*. Jgħid li hu qatt ma lmenta dwar dan anzi ħa gost li t-tifel kien intagħżel.

Jispjega li meta kienet marret *bowling* ma' ħutha hu ma kienx jaf li marru hemm u mingħalih li kienu Birżebbuġa bħas-soltu. Jgħid li meta saru 11.30pm kien ċemplilha għax kien inkwieta u hi ma bdietx tirrispondih u allura ċempel lir-raġel ta' oħtha u dan qallu fejn kienu u l-konvenut ilmenta miegħu li lilu ħadd ma jgħidlu xejn. Jgħid li lill-attriċi lmenta magħha wkoll li ma kinitx infurmatu u jgħid li ma ħassx li għamel xejn ħażin b'daqsekk.

Jgħid li għalkemm sa l-aħħar id-deċiżjonijiet anke fuq it-tfal kienu jeħduhom flimkien, martu kellha l-attitudni li dejjem għandha raġun u hu ma jistax jitkellem. Jiċħad li hu kien imur kontra l-kelma tagħha mat-tfal u meta ma kienx jaqbel mal-mod tal-attriċi, kien isibha weħedha u ma kienx jgħidilha xejn quddiem it-tfal. Jgħid li minkejja dan hu qatt ma qabel mal-mod kif l-attriċi kienet tagħmel mat-tfal fejn "*l-attitudni li l-mara kellha mat-tfal kien qisu Hitler*"[33] Jgħid li s-safar vera ma jħobbux u l-ajruplan idejjqu u għalkemm hu ma marx magħhom, it-tfal marru l-Ingilterra, Franza u Ruma u Sqallija. Jiċħad li hu kien qammiel mal-familja, kif tgħid l-attriċi u jgħid li sakemm l-attriċi telqet mid-dar ma kinitx tħallas xejn ħlief għall-ħajja ta' kuljum. Jgħid li tant ma kelliex problema bil-flus, li l-kontijiet tal-bank esebiti juru kemm fil-fatt faddlet matul is-snin.

Jinsisti li d-deċiżjonijiet dwar il-karozza ġdida u affarijiet tad-dar ħaduhom flimkien u kif xtaqet martu. Jgħid li kien vera li hu kien ċempel lil Dr B ħabba l-antibijotiċi li dan ta lit-tfal u jgħid li fil-fatt Dr B qallu biex ma jagħtix l-antibijotiċi jekk ma jkunux mitluqin u fil-fatt għaddielhom mingħajrhom.

Jgħid li issa rrealiżża li martu kienet ixxewwex lill-ġenituri tiegħu kontrih biex ikollha skuża biex titlaq u fil-fatt il-ġenituri tiegħu qalulu b'dan wara li telqet u

[33] Fol. 2307.

jgħid li spjegawlu li ma kienux qalulu b'dan qabel, biex iżommu l-kwiet għax skont huma l-affarijiet kienu tali li setgħu jitranġaw. Jiċħad li kien hemm inċident fejn waqt bbq tal-familja garalha l-mobile, kif tgħid hi. Dwar il-fenkata mal-familja jgħid li qatt ma qal lil martu biex iħassruha. Jiċħad ukoll li sabbat it-telefon tad-dar u li ma ħallihiex iċċempel lil ħutha u jgħid li hi dejjem setgħet iċċempel għax kellha mobile. Jgħid li kien normali għalih li jixtrilha l-fjuri u li ma kienx kif qed tgħid hi, li qatt qabel ma kien xtralha l-fjuri.

Huwa jinsisti li fid-dar kollox kien normali u li hu ħa bi kbira ħafna s-separazzjoni. Jgħid li kien mar Fr Colin id-dar tagħhom u quddiemha, dan għannqu u qalilha li bħalu żgur ma kinitx ser issib. Jgħid li tant dejjem kienet tgħaddi tagħha li hi stess tgħid li meta ma riditix li tagħmel l-ikla tal-Milied, l-ikla ma għamlitiex.

Jgħid li l-inċident li seħħ qabel l-attriċi telqet mid-dar, kienet ħolqitu hi biex ikollha skuża biex titlaq. Jgħid li hu kien mar isewwi l-magna tal-ħasil u meta nizel sab platt bl-ikel tiegħu imgeżwer ġol-foil "*u x'hin kxiftu rajt burger kiesah u iebes u bajda u ghidtilha jien dan haqni?"*[34] Jgħid li martu garatlu l-panina u nfaqa' jibki u mar fil-kamra tas-sodda u hi baqgħet sejra warajh bis-sikkina tal-ħobż. Jgħid li minnufih mar it-tifel jifridhom u hu mar jingħalaq fil-kamra tas-sodda. Jiċħad li dakinhar kisser xi ħaġa jew waddab il-fruttiera. Jgħid li t-tbenġil li ssemmi li kellha martu, seta' sar meta t-tifel ferraqhom. Jgħid li hu ma kellux idea li hi kienet ser titlaq mid-dar u ċemplet lill-ġenituri tiegħu biex tinkwetahom u dakinhar il-ġenituri tiegħu jgħid li kienu ser imutu bl-inkwiet. Jgħid li t-tort li tkisser iż-żwieġ kien ta' martu li kienet tpoġġi l-familja tagħha qablu u li kull ma jgħidu huma kien vanġelu.

Jippreżenta kartolini li kienet tagħtih il-mara f'okkażjonijiet speċjali u għadd ta' ritratti tiegħu mal-familja u f'okkażjonijiet tat-tfal.

Jippreżenta wkoll ċertifikat mid-Dipartiment tal-*Human Resources* tax-xogħol li juri li huwa qatt ma kellu problemi fuq ix-xogħol u li dejjem qeda dmiru sew.

Jippreżenta mbagħad affidavit ieħor[35] b'lista twila ta' ritratti meħudin minn diversi DVD's u CD's tal-familja biex juri li kien jinvolvi ruħu f'attivitajiet tat-tfal u li kienu joħorġu regolarment bħala familja.

---

[34] Fol. 2311.
[35] Fol. 2291.

Fil-kontro-eżami[36] jgħid li l-ewwel darba li sar jaf li l-mara kienet imdejjqa fiż-żwieġ kien meta marret tkellem lil Fr Joe Mizzi, xahar qabel ma telqet. Jiċħad li qatt għolla leħnu jew kisser fid-dar. Jgħid li l-attriċi kienet insistiet li tmur *helper* tgħinha, apparti li kien hemm oħtha u ommu jgħinuha. Jgħid li anke rigward laqgħat tat-tfal, huma kienu jiftehmu qabel meta jista' jattendi jew le u argumenti bejniethom ma kienx ikun hemm lanqas dwar dan. Jgħid[37] li għal xi raġuni t-tifla ma hix tkellmu għax minjaf x'qalulha kontrih. Jiċħad li kellu xi diżgwid mal-kollegi tax-xogħol. Jgħid li meta għamel referenza għal sħab l-attriċi, li kienu qalulu li kienet dominanti fuq il-post tax-xogħol, kien qed jirreferi għall-kollega tagħha minn Wied il-Għajn li iżda, nesa x'jisimha.

*Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:*

*Affidavit ta' G sive H B, ossija missier il-konvenut debitament maħluf u preżentat permezz ta' Nota fl-4 ta' Mejju 2022*[38] fejn jgħid li huma dejjem għenu lill-partijet kif setgħu. Jgħid li hu kien iwassal lil martu għandhom biex omm il-konvenut tgħin lill-attriċi f'dak li kien ikollha bżonn fid-dar u hu kien jiġbor lit-tfal mill-iskola meta kien ikollhom bżonn. Kienu jgħinuhom ukoll finanzjarjament – ikkontirbwew għall-uniformijiet, *pocket money*, safar *etc*. tat-tfal.

Jgħid li ibnu dejjem kien missier u raġel eżemplari u dejjem wera rispett u mħabba lejn martu. Kien jaħdem *full-time* u *part-time* u jgħin anke fid-dar. Jgħid ukoll li kien jieħu ħafna interess fl-edukazzjoni tat-tfal, it-trobbija tagħhom u d-divertiment u dejjem jorganizza biex il-familja tgawdi flimkien. Jinnega l-inċident tal-bbq u jgħid li din hija storja ivvintata mill-attriċi u li hu lanqas fis-Sajf qatt ma ra l-ebda sinjali ta' tbenġil fuq l-attriċi u hija qatt ma kienet ilmentat magħhom li jaħqarha. Jgħid li l-attriċi kienet qisha t-tifla tagħhom u meta saru jafu li telqet mid-dar marru għandu biex ikunu miegħu meta jsir jaf li telqet martu mid-dar.

*Affidavit ta' I B, ossija omm il-konvenut debitament maħluf u preżentat permezz ta' Nota fl-4 ta' Mejju 2022*[39] fejn tikkorabora l-verżjoni ta' binha u ta' żewġha u tixhed dwar kemm-il darba kienet tmur tgħin lill-attriċi u tqatta' ħin magħhom u jagħmlu dak kollu neċessarju u li kienet tħobbha daqs bintha. Tgħid li qatt ma

[36] Seduta tat-18 ta' Jlr 2023 a fol. 2707.
[37] Seduta tas-6 ta' Ġunju 2023 a fol. 2730.
[38] Fol. 962.
[39] Fol. 2287.

rat għajn ħażina mit-tnejn li huma u dejjem rathom jaħdmu u jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom.

Tgħid li meta l-attriċi telqet mid-dar ħassitha ħa tmut. Tgħid li lilha, l-attriċi, qatt ma kienet qaltilha li l-konvenut naqasha mir-rispett jew sawwatha jew rat xi ħaġa mkissra d-dar. Tgħid li li kienet tgħidilha l-attriċi kien li llatikaw għax ma qablux. Qatt ma rat sinjali ta' vjolenza fuq l-attriċi. Tinsisti li l-konvenut kien jaħdem ħafna għall-familja u li għalkemm huwa veru li ma jħobbx rasses kien jagħmel attivitajiet oħra mal-familja. Tgħid li l-attriċi mhux talli kellha għajnuna mingħand il-konvenut, talli kellha ħafna għajnuna mingħandhom ukoll.

Tgħid li l-konvenut huwa raġel fuq l-irġiel u li lilhom dejjem irrispettahom u tiċħad li qatt kellhom jikkoreġuh f'dan is-sens. Tgħid li l-Vatikan, l-konvenut ma marx ħabba l-ispejjeż. Tiċħad inċidenti oħra li ssemmi l-attriċi fejn din tgħid li kienu preżenti huma. Tiċħad ukoll li ċemplet lit-tifla meta l-attriċi tgħid li t-telefon kien bil-ħsara wara inċident li kellha mal-konvenut.

Fil-kontro-eżami[40] tikkonferma li hi u l-attriċi kienu jitkellmu bħal omm u bint. Tgħid li ma tiftakarx ċertu inċidenti bħal tal-mobile. Tikkonferma li ġieli ċemplet lit-tifel wara li tkun kellmitha l-attriċi biex iġib ruħu sew.

_Il-Prinċipji legali applikabbli għall-każ odjern:_

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-liġi tagħna f'Artikolu 2 tal-Kap 16 tgħid kif ġej dwar l-obbligi tal-miżżewġin lejn xulxin:

*"(1) Il-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja.*

*(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment."*

[40] Seduta tas-17 ta' April 2024 a fol. 2781.

F'każ li xi parti tkun trid titlob is-separazzjoni mit-tali żwieġ il-liġi nostrana tgħid fl-Artikolu 40 illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment.*

*Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkienma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni.".*

Il-Qorti tosserva illi meta tiġi biex tkun ikkunsidrata l-ħtija l-Qrati tagħna dejjem irritenew li wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux inċident iżolat iżda serje ta' inċidenti li joffendu lill-parti l-oħra b'mod li dik il-persuna jaffetwawha negattivament u b'mod profond. Kif tgħid il-Qorti fil-kawża **Jethro Bugejo *pro et noe* vs Josette Bugeja Micallef**[41]

*"Kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni **l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri** ('Caterina Agius vs Benedict Agius" Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967) liema episodji 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha furur, ezaverbazzjoni u avverzjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (Vol. XXXI.P.1.200; Vol XXVI P1 p.246)."*

Għaldaqstant jekk wieħed jikkunsidra l-ħtija ta' xi parti jew oħra din għandha tirriżulta minn atti konsistenti u li jirrepetu ruħhom b'mod illi dawn jirriżultaw f'abitudni illi ma tħallix dik is-serenità neċessarja biex iż-żwieġ jista' jirnexxi. Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju 1942, fl-ismijiet **N Micallef vs Giuseppe Micallef**, il-Qorti tal-Appell fil-fatt insenjat illi: *"Biex is-sevizzi, minacci, u ingurji gravi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, hemm bzonn generalment li huma jkunu abitwali, jew almenu ripetuti, b'mod li jirrendu mpossibbli l-konvivenza tal-konjugi".*

[41] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fid-9 ta' Ġunju 2020 (Rik. Ġur. Nru 217/2014AL).

Jiġi rilevat iżda, li biex ikun hemm ħtija ma hemmx għalfejn jikkonkorru s-sevizzi, l-inġurji gravi, t-theddid u l-minaċċi kollha flimkien iżda huwa biżżejjed li jiġi ppruvat wieħed minnhom. Fil-kawża fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson**[42] il-Qorti sostniet illi:

"*Issa kif inhu pacifiku "purche' il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e' necessrio che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingurie gravi ma qualunque di tale cause da sola basta, perche' sia tale da violare profondametne I riguardi della convivenza coniugale."*

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **N Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[43] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[44] fejn ġie ritenut illi, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta'* ***azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi****"* Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary *sive* Jimmy Montebello**[45] intqal illi: "*Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili,* ***stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali.*** *Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."*

Is-sentenza fl-ismijiet **N Mifsud vs Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil **eċċessi**, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*. Jgħallem Baudry Lacantinerie illi "*Gli eccessi sono atti di violenza*

[42] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fit-12 ta' Mejju 1925.
[43] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, (Vol. XLV C.ii.708).
[44] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).
[45] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016.

*compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima.*"[46]

Fir-rigward ta' **inġurji** u **offizi gravi** dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*.[47]

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB** deċiża fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti kienet qieset illi l-fatt illi żewġ l-attriċi kien iħalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi kien ħati ta' abbuż emozzjonali minħabba diversi offiżi u nsulti *da parti* tiegħu kontra martu, irrendieh ħati ta' sevizzi u inġurji gravi fil-konfront ta' martu u li għalhekk kellu jerfa' r-responsabbilità primarja għat-tifrik taż-żwieġ.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' **theddid u vjolenza**, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima".*[48] Iżda fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[49] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[50]; Skond l-istess Qorti "*Is-swat, … hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[51]

Il-konvenut jaddebita wkoll il-ħtija tas-separazzjoni lill-attriċi minħabba abbandun. Hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb *noe*[52]** fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Skont l-artikolu 48 (illum 41) jikkostitwixxi ġusta kawża għas-separazzjoni l-abbandun ta' parti lill-oħra* ***mingħajr raġuni tajba jekk idum għal sentejn jew iżjed***..." u

---

[46] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.
[47] Ara N Mifsud vs Vincenzo Mifsud u Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi ġia ċitati.
[48] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili fil-21 ta' Frar 1969.
[49] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[50] Genoveffa Magri vs Joseph Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[51] Charmaine Zahra *pro et noe* vs Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[52] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Frar, 1961.

"*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun*."

Fil-kawża **Andrea Avellino vs Regina Avellino**[53], insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: "*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.*"

Għalhekk dan l-aggravju jirrikjedi li jiġu ppruvati ċerti kundizzjonijiet. It-terminu sabiex l-abbandun jista' jiġi kkonfermat huwa ta' sentejn iżda mhux biss – l-intenzjoni trid tkun ċara li ma hemmx ħsieb ta' ritorn u li hemm il-*voglia* li dak li jkun jabbanduna ż-żwieġ u dan ikun għamlu mingħajr raġuni valida.

<u>*Il-Ħall taż-Żwieġ*</u>

L-Artikolu 66A(1) tal-Kap 16 jistipula illi:

"*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza*".

Ir-rekwiżiti għad-divorzju jinsabu elenkati f'Artikolu 66B.

Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, *"il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru*

[53] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Diċembru, 1949.

*f'kawża ta' separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni*".[54]

F'tali sitwazzjoni, il-liġi teżiġi fl-Artikolu 66G u 66H, illi l-avukati tal-partijiet jaqdu numru ta' dmirijiet hemm elenkati.

Il-liġi, mbagħad fl-Artikolu 66F tal-istess Kap 16, taħseb ukoll għal dawk l-istanzi fejn:

*"(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju.*

*(3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet.*

[54] Artikolu 66D(3) tal-Kap 16.

*(4) Kull parti, meta tagħmel talba għad-divorzju, għandha tiddikjara bil-ġurament tagħha jekk dik il-parti jew il-parti l-oħra jkunux diġà għamlu talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu."*

Fi kwalunkwe każ, l-effetti tad-divorzju huma differenti minn dawk ta' separazzjoni, hekk kif *"meta l-qorti ċivili kompetenti tippronunzja d-divorzju bejn il-miżżewġin, huma jkollhom id-dritt li jerġgħu jiżżewġu*".[55]

<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern</u>

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għall-konvinċiment tagħha, sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Konsegwentement, il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Il-partijiet jipprovdu żewġ verżjonijiet differenti għal kollox minn xulxin. Filwaqt li l-attriċi tixhed dwar għadd ta' problemi li rriżultaw mir-relazzjoni tagħhom, il-konvenut jiċħad għal kollox li kien hemm xi waħda minn dawn il-problemi, bir-riżultat li kważi kważi l-Qorti tħossha li qed taqra dwar żewġ żwiġijiet differenti.

Filwaqt li l-attriċi taddebita t-tortijiet tat-tkissir taż-żwieġ lil żewġha minħabba vjolenza, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċi li rrendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibli, il-konvenut jaddebita t-tifrik taż-żwieġ lill-attriċi minħabba sevizzi, minaċċi, theddid, swat, inġurji gravi u abbandun *da parti* tagħha.

Il-Qorti tara quddiema koppja li tħobb lil uliedha u tħobb l-idea ta' familja, madanakollu dan ma kienx biżżejjed biex il-koppja jissuperaw id-diverġenzi ta' bejniethom u jibqgħu magħqudin. L-attriċi tixhed fid-dettall fl-affidavit tagħha illi l-konvenut kien jagħti każ biss il-bżonnijiet tiegħu u dak li jħobb u li jrid jagħmel hu u dak li ma jiggustax u li ma jħobbx jagħmel, jibqa' 'l bogħod minnu. Tixhed dwar il-ħafna skużi li kien iġib il-konvenut u dwar il-fatt li kien vjolenti meta jinqala argument. Minn naħa l-oħra l-konvenut donnu li ma kienx qed jgħix fl-istess familja u jgħid li sakemm telqet l-attriċi mid-dar, skont hu għal xejn b'xejn, ir-relazzjoni tagħhom kienet waħda mingħajr problemi:

[55] Artikolu 66L tal-Kap 16.

*"Dr Lara Dimitrovich:*
*Mela jiġifieri din gie one fine day u qaltlek ejja ha mmorru hekk ghal gharrieda...*

*Xhud:*
*Iva iva iva; jien ghalija kienet hasda kbira.*

*...*

*Dr Lara Dimitrovich:*
*...inti ghalik l-affarijiet kienu qed jimxu fuq ir-rubini.*

*Xhud:*
*Iva iva iva"*[56]

Fil-fatt il-konvenut ikompli x-xhieda tiegħu, bħal ma jagħmel fl-affidavit tiegħu, billi jiċħad dak kollu li allegat l-attriċi u jiċħad li l-inċidenti li ssemmi qatt seħħew. Skont hu, t-tnejn kienu jagħmlu l-almu tagħhom għall-familja u lill-attriċi dejjem ħalliha libera li tagħmel li trid. Min-naħa l-oħra, l-attriċi tilmenta illi l-konvenut kien bniedem essenzjalment *egoist* li jagħmel biss dak li jrid hu u għalhekk dawk l-affarijiet li hu ma jħobbx jagħmel kien jgħid lill-attriċi biex tagħmilhom weħedha jew jgħid li m'għandhomx flus biex jagħmluhom.

L-attriċi fil-fatt tilmenta li kull fejn tmur kienet dejjem tmur weħedha bit-tfal "*...fil-bidu taz-zwieġ għall-ewwel ftit kien jinżel. Meta ma baqax jinżel in-nies tibda tinnota.*"[57] Il-konvenut ma kienx ikun irid isiefer u fil-fatt ma kienx isiefer magħha u mat-tfal, ma kienx imur għand il-familja tagħha meta dawn jiltaqgħu filgħaxijiet ġewwa Birżebbugia u saħansitra ma kienx imur għand il-ġenituri tiegħu stess matul il-ġimgħa fis-Sajf meta l-attriċi kienet tieħu lit-tfal għandhom. L-iskużi kienu diversi u l-Qorti tħoss li ladarba l-konvenut kien jiddeċiedi li xi ħaġa ma togħġbux ma kienx jagħmel ftit sforz biex jagħmilha u mhux talli ma kienx jagħmilha ta' lanqas kultant, talli kien jaqtagħha għal kollox. Fil-fatt mix-xhieda tiegħu stess jirriżulta li huwa jekk ma kienx iħobb isiefer, ma kien isiefer qatt, tant li lanqas meta ibnu stess mar il-Vatikan, okkażjoni verament speċjali jekk il-konvenut stess jgħid li hu tant huwa involut stess fil-knisja u fejn kien ser jara

[56] Seduta tat-18 ta' Frar 2023 a fol. 2707.
[57] Fol. 2076.

lit-tifel tiegħu stess jieħu sehem attiv fil-funzjonijiet hemmhekk, ukoll ma għamilx sforz sabiex ikun preżenti. Il-Qorti ma tistax temmen lill-konvenut meta dan jgħid li kien jibża' ħafna mill-ajruplan għaliex f'waqtiet oħra jagħti raġunijiet oħra u jgħid li ma tawhx *leave* biżżejjed u ma kellhomx flus biżżejjed biex imur hu wkoll. Din l-iskuża wkoll ma ssibx bażi meta wieħed jara li ommu ħallset u telgħet hi ma' l-attriċi. La ħallset biex titla' hi żgur li kienet tħallas biex jitla' binha mal-familja kieku verament ried imur. Dan japplika wkoll, għalkemm forsi f'livell inqas, għat-tieġ tan-neputija li xtaqet tattendi għalih l-attriċi.

L-istess jingħad għall-fatt li ma kienx baqa' jmur għand il-familja tagħha u ma jattendix ċertu ħruġ magħhom. Filwaqt li f'xi istanzi jgħid li ma kienx jagħmel dan għaliex l-għada kien ikun xogħol, f'istanzi oħra jgħid li ma kienx iħobb imur għaliex id-diskors kien jaqa' fuq il-politika u zekzik fuq in-nies. Jixhed diversi drabi li kien jitlaq għax-xogħol f'xi 6.30am biex jibda fis-7am u drabi oħra jgħid li kien ikun irid ikun id-dar kmieni wara nofsinhar nhar ta' Ħadd għaliex l-għada kien jibda xogħol fil-5am. Il-Qorti għalhekk għal darba oħra ma tistax ma tikkonkludix li fil-fatt huwa ma kienx ikun irid imur u għalhekk kien iġib diversi skużi differenti u jirrifjuta għal kollox li jagħmel sforz u ta' lanqas imur kultant.

Għalkemm wieħed jista' jgħid li minkejja li l-konvenut ma kienx imur fejn ma riedx imur, kien iħalli lill-attriċi libera li tmur, dan ma jfissirx li kien qed jagħmel tajjeb lir-relazzjoni tagħhom. Għalkemm forsi l-konvenut jaħseb li la xorta l-attriċi kienet tmur mela ma hemmx problemi, u għalhekk jiċħad kontinwament li kien hemm problemi fiż-żwieġ tagħhom, din il-ħaġa kienet qed tbiegħdu mill-attriċi għaliex ma kien juri l-ebda sforz biex kultant jilħaq kompromess u jmur ta' lanqas kultant. Din il-ħaġa kjarament kienet iddejjaq lill-attriċi iżda huwa kien idaħħal rasu fir-ramel u jagħmel li jrid a skapitu anke li jitlef okkażjonijiet importanti bħal ma kienet il-mawra tat-tifel ġewwa l-Vatikan.

Bħal ma tgħid l-attriċi stess, dan ma jfissirx li ma kienx joħroġ lit-tfal u jorganizza ħruġ ieħor. Kien iħobb il-*campings* u għalhekk kienu jmorru ħafna *campings*, kien iħobb il-Karnival allura kienu jmorru okkażjonijiet tal-Karnival (għalkemm festi ma kienx imur għax jgħid li jdejquh il-follol), kien iħobb Għawdex u hemm seta' jogħdos u għalhekk kienu jmorru Għawdex, kien iħobb imur jogħdos u għalhekk kienu jmorru jgħoddsu anke mat-tfal, kien iħobb imur jara l-presepji u għalhekk kienu jmorru kull sena fil-Milied. Dan ma jfissirx li l-attriċi u t-tfal kienu

jiddejqu, kif fil-fatt jixhdu r-ritratti ta' familja ferħana li jippreżenta l-konvenut, madanakollu kienu strettament il-ħruġ li jrid il-konvenut.

Fil-fatt wieħed jinnota li għalkemm il-konvenut kien għadu ma ppreżentax l-affidavit tiegħu bir-ritratti *etc*, l-attriċi xehdet eżattament skont dak li mbagħad qal l-attur. Minn eżami akkurat tal-provi, il-Qorti tinnota li l-attriċi qatt ma qalet li l-konvenut ma kienx jattendi okkażjonijiet tat-tfal bħal ma kienu preċetti, griżma, u okkażjonijiet oħra importanti, li tagħhom l-konvenut jippreżenta għadd kbir ta' ritratti. Dik l-attriċi ma tiċħadhiex, iżda tilmenta illi huwa ma kienx jattendi dawk l-affarijiet iktar ta' kuljum tat-tfal bħal ma huma laqgħat tal-iskola *etc*. għaliex kif jgħid hu akkademikament kien iħalli għal kollox f'idejha. Dan kien jurta ħafna lill-attriċi li kienet tħossha li qisha taqdef weħidha fejn jidħlu t-tfal. Fejn jikkonċerna ħruġ ukoll, l-attriċi ma xehditx illi ma kienux joħorġu iżda xehdet li l-ħruġ bħala familja kien ikun fil-postijiet li jagħżel il-konvenut u fil-ħinijiet li ried hu. Fil-fatt ir-ritratti li jippreżenta l-konvenut juru, iva, li l-familja qed tieħu gost flimkien f'postijiet differenti, iżda l-punt kien li donnu l-konvenut kien jagħlaq in-niċċa tiegħu għal dak li ried jagħmel hu biss.

Hawn ukoll wieħed jirreferi għax-xogħol tad-dar. Huwa vera li l-konvenut kien jagħmel ix-xogħol tiegħu u f'xi żminijiet *overtime* u ftit *part-time* kultant, iżda għal darba oħra d-dar kien jagħmel il-platti u xi *maintenance* u jserraħ rasu li daqshekk biżżejjed għaliex dik kienet in-niċċa tiegħu. Il-Qorti tħoss li l-konvenut kien jieħu lill-attriċi u l-karbiet tagħha għal iktar ko-operazzjoni u għajnuna *for granted* u ma jipprovax jagħmel pass biex jgħin lil martu. Huwa kellu n-niċċa tiegħu ta' xogħol, mistrieħ, ħruġ li jinteressah u ħasil tal-platti. Waqaf hemm. L-attriċi kienet tħoss li għandha wisq fuq idejha u *ċioé* x-xogħol, id-dar u t-tfal. Wieħed ma jistax ma jaqbilx mal-konvenut li jgħid li hija kellha għajnuna għaliex kellha *helper* li tmur kultant u kellha lil ommu tgħinha wkoll, madanakollu l-Qorti tħoss li hu kien strett u riġidu wisq f'dak li jagħmel u jekk il-ħajja tax-xogħol, tat-tfal u tad-dar kienet qed tgħejja lil martu ma prova bl-ebda mod joħroġ ftit mill-parametri tiegħu biex jisma' dak li kienet qed tipprova tgħidlu martu.

Din ir-riġidità tidher li kienet testendi wkoll għal infieq. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu jagħmel l-iżball li jiffoka fuq l-infieq kollu li kienu jonfqu, madanakollu l-punt tal-attriċi, kkorroborat minn dak li raw ħutha, ma kienx li ma kienux jonfqu, iżda li l-infieq, bħal bqija tal-affarijiet, kien isir għal dak li jixtieq l-konvenut. Biex wieħed jagħti eżempju, l-konvenut jgħid li wieħed ma jistax jgħid li kien xħiħ fil-

flus meta martu kienet tgħidlu biex imur jixtri mil-*Lidl*, iżda minflok kien imur il-*Lasco* li kien ogħlha. Dan kien proprju l-punt tal-attriċi li tgħid li għax il-*Lasco* kien iktar fi triqtu u għalhekk komdu għalih li jmur hemm, ma kienx jiddejjaq jonfoq iktar, l-aqwa li hu jkun komdu. L-istess għall-petrol biex hi tinżel Birżebbuġa.

Minn naħa l-oħra l-konvenut jgħid li kien iħoss li martu ma kinitx tappoġjah fil-mard li nqalalu. Il-Qorti temmen dak li jgħid il-konvenut li seta' kellu xi istanzi ta' uġiegħ 'l hawn u 'l hemm iżda mill-provi u x-xhieda prodotti temmen li dawn kienu problemi ta' saħħa minuri u komuni u li l-konvenut seta' kabbarhom xi ftit għaliex kienet parti mill-karattru tiegħu li kien pjuttost iffukat fuqu nnifsu. Il-Qorti tħoss fil-fatt li x-xhieda ta' Dr David Attard tikkorrobora dan ir-raġunament fejn it-tabib tax-xogħol li jgħid li kien jaf lill-konvenut għal snin twil, meta mistoqsi dwar il-problemi ta' saħħa tal-konvenut jgħid "*Mhux ha niftakar kull instance li kien hemm! L-iktar li hemm komuni huma per eżempju l-problemi fiżiċi. Daqqa saqajh, daqqa irkoptu*..."[58] u ma jsemmi l-ebda problema maġġuri li seta' kellu l-konvenut. Ladarba t-tabib ftakar dawn il-problemi minuri li kien ikollu l-konvenut, kieku kien hemm problema ta' saħħa prinċipali jew maġġuri kien isemmiha.

Interessanti wkoll id-dettall fix-xhieda tal-istess Dr Attard li l-Qorti tħoss li tikkorrobora dak li ntqal dwar il-karattru tal-konvenut. Dr Attard jixhed illi l-konvenut "*jipprova ifittex anke fuq dak li huwa xoghol. Ghandu din il-fama wkoll. Li jfittex id-dettal, illi jipprova jagħmel l-affarijiet x'jismu. Issa hawn min jghid li jkun naqra puntiljuż żżejjed. Imma qed nitkellem bhala xoghol u bhala karattru milli naf jiena."*[59] Dan ikompli jsaħħaħ dak li temmen il-Qorti illi l-konvenut kien pjuttost ta' rasu u jagħmel biss dak li jemmen fih hu u puntiljuż fuqu.

Minn dan kollu, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjoni: il-ħajja miżżewġa tirrikjedi koperazzjoni bejn il-konjuġi, mhux biss, iżda anke kompromessi. Il-ħajja miżżewġa hija essenzjalment it-tqassim, f'sens ta' '*sharing'*, tal-ħajja, fit-tajjeb u l-ħażin, fit-tgawdija u anke n-niket u l-problemi, mil-lat fiżiku, emozzjonali u anke finanzjarju. Anke jekk xi wieħed mill-konjuġi jinzerta li għandu karattru sottomess, il-Qorti ma tarax li huwa san għar-relazzjoni li parti tagħmel li jfettillha u li jfettillha biss, mingħajr kompromessi, għaliex fiż-żwieġ il-koppja hija essenzjalment ħaġa waħda, u l-imħabba u r-rispett iridu li konjuġi jkun miftuħ

[58] Fol. 1652.
[59] Ibid.

għax-xewqat tal-konjuġi l-ieħor. B'dan ma jfissirx li l-koppja dejjem għandha taqbel, jew li dejjem għandha tagħmel kollox flimkien, iżda dan huwa każ tipiku fejn l-iskuża tal-libertà 'mogħtija' lil konjuġi bħala skuża ċara biex il-konjuġi l-ieħor jagħmel li jfettillu biss huwa malsan u ċertament għandu l-effett li jifred il-koppja, b'dan li l-komponenti ta' dik il-koppja jiġu aljenati minn xulxin.

Minn dan kollu, il-Qorti bilfors tikkonkludi li parti mit-tort tat-tkissir taż-żwieġ irid jiġi addebitat lill-konvenut. Il-verżjoni tal-konvenut ma hiex verosimili f'għajnejn il-Qorti li l-attriċi ma kellhiex raġuni, almenu skond il-provi prodotti, biex taqbad u titilqu. Pjuttost, il-verżjoni ta' l-attriċi hija iżjed verosimili *stante* li ċertament dawn huma affarijiet li jkunu ħallew l-effett tagħhom maż-żmien, u fl-aħjar ipotesi għalih, il-konvenut kien *naive* jekk dan ma ndunahx bih qabel.

L-attriċi iżda tmur oltre u tgħid li barra minn dan kollu meta kien ikollhom argument kien hemm għadd ta' istanzi meta l-konvenut kien vjolenti magħha.

Dwar dan il-Qorti ma tħossx li l-attriċi ġabet biżżejjed provi.  Il-Qorti temmen il-verżjoni tal-attriċi u tax-xhieda miġjuba minnha li bil-karattru tiegħu u l-kontroll li bih kien jikkontrolla dak kollu li ried hu, lill-attriċi kien joħolqilha tensjoni.  Jixhduh ħut l-attriċi, illi hija kienet tkun il-ħin kollu tħares lejn l-arloġġ meta tkun magħhom.  Fil-fatt, il-Qorti tinnota wkoll inċident ieħor li oħt l-attriċi L Schembri issemmi b'mod spontanju waqt il-kontro-eżami fejn tgħid li tiftakar li darba f'għeluq snin it-tifla fis-Sajf, il-partijiet kienu l-*bowling* u t-tifla kienet qed tieħu gost taqbeż u togħla u kienu sejrin id-dar kmieni bħas-soltu minkejja li kien is-Sajf, u t-tfal kienu tant qed jieħdu gost u fil-fatt is-Sinjura Schembri offriet li żżomm lit-tifla magħha. Tixhed oħtha L Schembri illi "*Taf x'niftakar jiena? Li l-hin kollu jcemplilha u jibghatilha l-messaggi n-naqra li jien kont niltaqa' maghha*"[60] Dawn it-telefonati, bħall-inċident tal-bowling, il-konvenut ma jiċħadhomx iżda jgħid li dak kien jagħmlu għax kien juri interess f'martu u wliedu. Madanakollu, kif tixhed oħt l-attriċi J K, "*hemm mod u mod kif titkellem...*"[61] għaliex huwa ma kienx jistaqsi bil-kalma jew b'mod li juri interess iżda bir-rabja u bl-għajjat.  Dan kien rifless ukoll fil-mod illi irreaġixxa fl-inċident tal-*isweeper* fejn xtraha min xtraha l-*isweeper* kinitx rigal minn oħtha jew kellhiex tgħidlu l-attriċi hekk, għaliex il-konvenut ma ridhiex tixtriha, turi kemm anke fuq xi ħaġa żgħira l-konvenut kien jirreaġixxi b'mod li joħroġ mil-limiti.

[60] Fol. 2684.
[61] Fol. 2662.

Fil-fatt tixhed omm l-attur, u għalkemm tiċħad li seħħew ċerta inċidenti li ssemmi l-attriċi, ma setgħetx tiċħad li ġieli wissiet lil binha stess:

"*Dr Lara Dimitrijevic: Igifieri naqblu li kont inti wkoll li kont tkellem lit-tifel tiegħek stess biex iġib ruħu sew?*

*I B: Ġieli kont ngħidlu u, dan hu x'inhu t-tifel tiegħi u ż-żwieġ ridtu li jibqa sew."*[62]

Dan ifisser li l-aġir ta' binha kienet qed tarah gravi biżżejjed li minħabba fih iż-żwieġ seta', fi kliemha, ma jibqax sew. Il-Qorti, għalkemm temmen li r-reazzjoni tal-konvenut għal dak li ma kienx komdu bih kienet waħda aggressiva u li toħroġ kultant anke mill-limiti, ma tħossx illi l-attriċi ġabet provi biżżejjed ta' vjolenza fiżika fuq il-persuna tagħha. Il-Qorti tinnota illi l-attriċi għandha karattru pjuttost b'saħħtu fejn fil-kontro-eżami tirribatti l-mistoqsijiet u tuża ton pjuttost ribelluż u tgħid affarijiet bħal "*Ghalih kellu flus. Li kieku mhux ghax nibza minnu imhabba l-flus nifqa ir-roti kont…"*[63] Il-Qorti ma tantx tara li dan huwa kliem ta' persuna mbeżżiegħa mill-vjolenza fiżika tar-raġel. L-istess meta tixhed dwar l-aħħar inċident li kellhom fejn tgħid "*ghedtlu ejja, ghedtlu jekk inti bully missni. U telaq 'l hemmhekk. Qatt ma ghamilthielu ma' sidru s-sikkina."*[64] Il-Qorti tħoss li seta' kien hemm provokazzjoni għalhekk minn naħa tal-attriċi wkoll – *de minimis* ma kenitx toqgħod lura milli tisfidah waqt argument.

Il-Qorti fil-fatt hija tal-fehma li l-attriċi wkoll kellha n-nuqqasijiet tagħha li ma għenux fiċ-ċirkostanzi. Jirriżulta mill-provi li kif diġà ngħad, minkejja r-riġidità minn naħa tal-konvenut li kienet f'xi istanzi twassal għal egoiżmu min-naħa tiegħu, huwa xorta kien jagħmel ħafna għall-familja u l-Qorti temmen li kien ġenwinament iħobb iqatta' ħin magħhom u jorganizza b'mod metikoluż il-ħruġ li kien jogħġbu, u t-tfal u anke l-attriċi kienu jieħdu gost f'dawn l-okkażjonijiet. Xhieda ta' dawn huma d-diversi ritratti li jippreżenta l-konvenut, li juru li ma kinitx okkażjoni jew tnejn li fiha l-familja kienet qed tieħu gost flimkien iżda snin sħaħ. Magħdud ma' dan il-Qorti tara wkoll illi l-attriċi stess kienet tagħti lill-konvenut kartolini fejn minn dak li tikteb jirriżulta li kien hemm għadd ta' mumenti sbieħ li

[62] Fol. 2783.
[63] Fol. 2075.
[64] Fol. 2084.

kienu jgawdu bħala familja. Il-Qorti tħoss li dan l-attriċi ma apprezzatux u kienet tiffoka biss fuq in-negattiv.

Il-Qorti tħoss ukoll illi l-attriċi ma apprezzatx ukoll l-għajnuna li kellha u ffukat biss fuq in-nuqqas ta' għajnuna li kellha minn żewġha. Dan ma jiskużax il-fatt li l-konvenut seta jipprova jifhem il-qagħda tagħha aħjar, u joffri imqar appoġġ emozzjonali jekk mhux jagħti daqqa t'id iżjed milli kien jagħmel meta jkun hemm bżonn, iżda l-attriċi tidher li njorat għal kollox fix-xhieda tagħha l-għajnuna li kellha mill-*helper* li kienet tmur tgħinha u mingħand il-ġenituri tal-konvenut. Tant jidher li omm l-konvenut kienet tgħinha li l-attriċi kienet saret *close* tagħha biżżejjed biex kif tgħid l-attriċi stess, kienet tiftaħ qalbha magħha fuq dak kollu li kienet għaddejja minnu ma' żewġha l-konvenut.

Dan fil-fatt kien nuqqas ieħor min-naħa tal-attriċi li għażlet li taffaċja dak li kien qed idejjaqha sempliċiment billi tgħid lill-omm il-konvenut u mhux titlob l-għajnuna ta' professjonisti, jew possibbilment tiffaċċja lill-konvenut, bħala s-sieħeb tagħha. L-għajnuna tidher li talbitha biss fl-aħħar u meta kien tard wisq għaliex sa dak il-mument is-susa jidher li kienet daħlet fil-fond u l-attriċi kienet imtliet negattività lejn żewġha u ma riditx iktar li ssalva ż-żwieġ.

Għalhekk il-Qorti tħoss illi ż-żewġ partijiet kellhom tort fit-tkissir ta' dan iż-żwieġ. Il-Qorti hija konvinta li l-karattru riġidu, kultant egoist tal-attur wassal biex kien ħati ta' sevizzi li ġew definiti bħala ***atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli*** u ***minhabba l-persistenza taghhom rrendew difficli hafna l-konvivenza matrimonjali*** kif proprju ġara f'dan il-każ u inġurji gravi ***minħabba abbuż emozzjonali*** u ma ssibux ħati ta' vjolenza fiżika. Minn naħa l-oħra l-Qorti hija konvinta li l-konvenut ma kienx ħati waħdu għat-tkissir taż-żwieġ għaliex l-attriċi minn naħa tagħha, bil-komportament tagħha, jew aħjar billi ma ndirizzatx il-problema kif kellha tagħmel, ma esprimietx ruħha ma' żewġha ħlief fl-aħħar nett meta ġemmgħet kollox ġewwa bir-riżultat li ma wriet ebda rieda li tirranġa, anzi bdiet tisfidah, ikkontribwiet ukoll biex ***trendi l-ħajja miżżewġa impossibbli u b'hekk ikkontribwiet bil-mod tagħha biex iż-żwieġ jitkisser irrimedjabbilment.***

Min-naħa l-oħra l-Qorti ma tistax issib lill-attriċi ħatja ta' abbandun għaliex l-aġir tagħha ma jissodisfax il-kriterji li jitlob l-Artikolu 41 li l-abbandun ikun sar ***mingħajr raġuni tajba jekk idum għal sentejn jew iżjed.*** F'dan il-każ, fil-

mument li l-attriċi telqet mid-dar, il-Qorti hija konvinta li ż-żwieġ kien diġà tkisser u għalhekk altru li kien hemm raġuni għalfejn hija telqet.

3. **L-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 fil-konfront tal-attriċi u l-konvenut;**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16, filwaqt li l-konvenut fil-kontro-talba jitlob biex dawn jiġu applikati fil-konfront ta' martu.

L-Artikolu 48 jgħid kif ġej:

*"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."*

Minn naħa l-oħra:

*51. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.*

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Fil-każ odjern iż-żewġ partijiet it-tnejn ikkontribwew għat-tifrik taż-żwieġ għal raġunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti ma tħossx li għandha tapplika kontra xi ħadd minnhom is-sanzjonijiet elenkati f'Artikolu 48 tal-Kap 16 salv għall-applikazzjoni tal-Artikolu 48(1)(d) u *ċioé* li ż-żewġ partijiet jitilfu d-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin.

## 4. Is-Separazzjoni Personali u/jew il-Ħall taż-żwieġ

Fi-kontro-talba, il-konvenut iressaq talba għas-separazzjoni personali u talba għall-ħall taż-żwieġ. Dawn iż-żewġ talbiet għalhekk f'din il-kawża qed isiru simultanjament.

Fil-kawża fl-ismijiet **AB vs Dr Benjamin Valenzia *noe***[65] din il-Qorti f'xenarju simili għal dan spjegat illi *"Minn qari tal-liġi jidher ċar illi hemm distinzjoni netta bejn is-separazzjoni personali u l-ħall taż-żwieġ – dan anke' għaliex il-proċedura li għandha tiġi segwita u kif ukoll l-effetti konsegwenzjali huma differenti minn xulxin. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ma huwiex possibbli illi l-persuna li tkun intavolat azzjoni għall-firda personali titlob ukoll b'mod simultaneju l-ħall taż-żwieġ, mingħajr ma tiġi ċeduta l-ewwel talba jew tal-inqas ikun hemm il-konverżjoni tal-istess. Il-liġi tagħmilha ċara illi r-rimedji li għandhom il-miżżewġin huma s-segwenti: (i) is-separazzjoni personali bonarja jew inkella permezz ta' sentenza tal-Qorti, (ii) is-separazzjoni personali kemm bonarja jew permezz ta' sentenza tal-Qorti, segwita minn divorzju, (iii) divorzju mingħajr ma qabel il-partijiet ikkunu sseparaw minn xulxin bonarjament jew b'sentenza tal-Qorti, u (iv) separazzjoni li tiġi konvertita f'divorzju. Għalhekk, fil-każ odjern, jekk xejn l-attur kellu jagħżel wieħed minn dawn ir-rimedji u jimxi ma' dak li tistipula l-liġi nostrana.*

*Fi kwalunkwe każ, u mill-atti ppreżentati, jidher ċar illi l-intiża tal-attur kienet dejjem illi jottjeni s-separazzjoni personali minn martu ġialadarba huwa ppreżenta ittra indirizzata lir-Reġistratur fejn speċifikament talab li jiġi awtorizzat jipproċedi għas-separazzjoni personali u dana abbażi tar-Regolament 4 tal-Liġi Sussidjarja 12.20. Barra minn hekk, il-Liġi Sussidjarja 12.20 tagħmilha ċara*

[65] Deċiża minn din il-Qorti fis-6 ta' Lulju 2022 (Rik. Ġur. Nru. 39/2021AL).

*f'Regolament 4 illi kieku persuna tkun trid tipproċedi b'kawża għall-ħall taż-żwieġ,* ***hija għandha qabel xejn tippreżenta rikors*** *u mhux ittra, fejn jindika l-vertenza u jitlob in-nomina ta' medjatur tal-familja. F'dan ir-rigward ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet AB vs CDB, deċiża minn din il-Qorti iżda diversament preseduta nhar is-27 ta' April 2017 (Rikors Numru 11/2015 RGM). Għalhekk, huwa ampjament ċar illi kieku stess, it-talba tal-attur fir-rigward tad-divorzju hija xorta waħda monka stante li huwa ma segwiex il-proċedura kontemplata fil-liġi nostrana."*

F'din il-kawża wkoll, l-attriċi tagħżel illi **b'ittra** tiftaħ proċeduri ta' medjazzjoni. Kif spjegat hawn fuq u kif tgħid il-Liġi Sussidjarja 12.20 f'Regolament 4, kieku persuna tkun trid tipproċedi b'kawża għall-ħall taż-żwieġ, hija għandha qabel xejn tippreżenta rikors u mhux ittra. Il-proċedura segwita hawnhekk allura kienet mill-bidu dik ta' separazzjoni u fil-fatt wara li l-medjazzjoni ma rnexxietx, l-attriċi fetħet kawża.

Ma setgħax issa l-konvenut hawn jiddeċiedi illi jirrispondi għal kawża ta' separazzjoni u fl-istess waqt jitlob id-divorzju. Kellu *se mai* jitlob qabel il-pronunzjament tas-sentenza li l-kawża tiġi konvertita f'kawża għal divorzju skont l-Artikolu 66F tal-Kap 16.

L-azzjoni ta' ħall ta' żwieġ hija monka għaliex la ġie preżentat rikors qabel infetħet il-kawża u lanqas ma l-konvenut għażel li la ma ġietx segwita dik il-proċedura, tiġi segwita l-proċedura skont l-Artikolu 66F. L-azzjoni hija monka wkoll skont l-Artikolu 66G u 66H liema artikoli jeżiġu li r-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu, fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 66G, li hawnhekk ukoll ma saritx.

Għaldaqstant il-Qorti hawn tikkonkludi li hemm lok għal separazzjoni personali u mhux għall-ħall taż-żwieġ u tali firda huma ħatja tagħha ż-żewġ partijiet.

## 5. Kura u kustodja ta' wlied il-partijiet

Il-partijiet kellhom żewġt itfal minn dan iż-żwieġ u *ċioé* D li twieled fis-16 ta' Ġunju 2000 u għalhekk illum għandu l-età ta' erbgħa u għoxrin (24) sena u Eli

twieldet fid-19 ta' Settembru 2003 u li għalhekk illum għandha l-età ta' wieħed u għoxrin (21) sena. Iż-żewġt ulied huma għalhekk illum it-tnejn maġġorenni u għalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet li għandhom x'jaqsmu mal-kura u kustodja u aċċess taż-żewġt itfal.

## 6. Manteniment

*Manteniment bejn il-partijiet*

Il-partijiet it-tnejn jaħdmu u ma humiex qed jitolbu manteniment mingħand xulxin, madanakollu l-attriċi ttenni li hija ma ddekadietx mid-dritt li tirċievi manteniment mingħand żewġha u għalhekk tista' titlob manteniment mingħandu f'każ li jinbidlu ċ-ċirkostanzi.

Il-Qorti ddeċidiet li ż-żewġ partijiet huma ħatja għat-tkissir taż-żwieġ u f'taqsima 3 ta' din is-sentenza intitolata ***L-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 fil-konfront tal-attriċi u l-konvenut*** ddeċidiet illi ż-żewġ partijiet tilfu d-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin u għalhekk tiddeċiedi illi l-partijiet la issa u lanqas jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi ma għandhom dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin għaliex iddekadew minn dan id-dritt.

*Manteniment għall-ulied*

Ulied il-partijiet huma issa maġġorenni bit-tifel il-kbir fl-età ta' erbgħa u għoxrin (24) sena u t-tifla fl-età ta' wieħed u għoxrin (21) sena. Filwaqt li għalhekk ma hemmx manteniment dovut għat-tifel, jirriżulta li Ereġġħet lura għall-istudji tagħha *full-time* u għalhekk il-manteniment huwa dovut sakemm hija tibqa' tistudja *full-time* jew tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena, liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel.

Peress li l-ulied marru jgħixu ma' ommhom, fil-proċeduri ta' medjazzjoni l-Qorti ddeċidiet li l-konvenut missier iħallas manteniment lill-omm għal uliedhom fl-ammont ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) għaż-żewġ ulied kull erba' (4) ġimgħat. Dwar dawn, il-Qorti tara li hemm qbil bejn il-partijiet li issa ma baqa' l-ebda arretrati. Il-konvenut issa qed iħallas nofs dan l-ammont għaliex issa l-manteniment huwa dovut għat-tifla biss u jirriżulta li l-konvenut qed iħallas l-ammont ta' mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€175) regolarment.

Il-Qorti tara li hemm żewġ kwistjonijiet pendenti dwar il-manteniment u *ċioé* l-ammont ta' manteniment li għandu jkun dovut għat-tifla Eu l-arretrati tas-saħħa u edukazzjoni li l-attriċi qed tgħid li għadhom dovuti għas-snin 2015-2017.

L-attriċi titlob is-somma ta' mhux inqas minn tliet mitt Ewro (€300) fix-xahar għat-tifla Eiżda ma tippreżentax prospett aġġornat ta' nfiq u l-aħħar prospett li l-Qorti jirriżultalha huwa dak preżentat mal-affidavit tagħha fl-2020. Il-Qorti għalhekk il-Qorti ser ikollha tasal għal ammont ibbażat fuq dak li jirriżulta mill-introjtu tal-partijiet u l-prospett ppreżentat bħala Dok.A4[66] mal-affidavit tagħha. Iż-żewġ partijiet għandhom paga u potenzjal ta' introjtu stabbli, sintendi wieħed jifhem illi l-omm li kellha f'idejha t-trobbija tat-tfal kienet iktar limitata fl-għażliet ta' xogħol tagħha. Il-Qorti tordna li fiċ-ċirkostanzi l-ammont dovut lill-attriċi għal bżonnijiet ta' binthom Ejkun fl-ammont ta' mitejn u ħamsa u għoxrin Ewro (€225) kull xahar, *oltre* nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari, liem manteniment jibqa' jitħallas sal-età stipulata fil-liġi u *ċioé* sakemm bint il-partijiet tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena jew tibda taħdem fuq bażi *full-time*, liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel.

L-attriċi tippretendi mbagħad l-ammont ta' elfejn u mitejn Ewro (€2200) rappreżentanti pendenzi ta' arretrati ta' manteniment u *ċioé* nofs l-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa li hija ħallset għat-tfal bejn is-snin 2015 u 2017. Hija tippreżenta riċevuti li jammontaw għal elfejn u mitejn Ewro (€2200) flimkien mal-affidavit tagħha.

Jirriżulta min-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut illi huwa jaqbel li għandu jħallas is-somma ta' elf mija u tnejn u disgħin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€1192.79) mill-ammont li qed titlob l-attriċi. Huwa jikkontesta minn naħa l-oħra d-differenza ta' elf u sebgħa Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€1007.21,) li titlob l-attriċi skont Dok. A7 anness mal-affidavit tagħha, u fuq dawn il-Qorti tiddeċiedi kif ġej:

- L-ammont ta' tnejn u disgħin Ewro (€92) imħallsa mill-attriċi skond kopja taċ-ċekk a fol. 1695 lill-Kunsill Malti għall-Isport. Il-Qorti tordna li l-konvenut iħallas nofs dan l-ammont u *ċioé* s-somma ta' sitta u erbgħin

[66] Fol. 1675.

Ewro (€46) lill-attriċi li jkopri attivitajiet extra kurrikulari tat-tifla bħala parti mill-edukazzjoni tagħha;

- It-tieni paġna ta’ Dok A7 - il-Qorti tirreleva li dawn huma irċevuti tal-2015 u mhux tal-2017 u minn dawn il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas nofs is-somom dovuti għall-kotba, stationery u żraben tal-iskola li huma parti mill-ispejjeż għall-edukazzjoni tat-tfal u għalhekk il-konvenut għandu jgħaddi s-somma ta’ wieħed u disgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€91.34) lill-attriċi;
- Dwar il-ħlasijiet tal-2015, il-konvenut jgħid li huwa kien diġà għadda s-somma ta’ mitejn u disgħa Ewro (€209) fil-21 ta’ Marzu 2015 u s-somma ta’ tliet mija u disgħa u tletin Ewro (€339) ukoll fl-istess data. Għalhekk huwa jnaqqas dawn l-ammonti mill-ammonti li titlob l-attriċi, madanakollu l-Qorti tinnota mill-kopji taċ-ċekkijiet u n-notamenti tal-konvenut a fol. 2359 li l-ammont ta’ mitejn u disgħa Ewro (€209) kien ikopri vaganza għat-tifel Franza u għalhekk dawn ma kienux ikopru l-istess spejjeż li qed titlob l-attriċi. Il-Qorti għalhekk ser tnaqqas biss l-ammont ta’ tliet mija u disgħa u tletin Ewro (€339) mill-ammonti li qed titlob l-attriċi li jidhru li tħallsu għal donazzjonijiet tal-iskola u trasport tat-tfal. Għalhekk għas-sena 2015 il-konvenut għandu jħallas is-somma ta’ erbgħa mija u sebgħa u tmenin Ewro (€487) bħala sehemu minn nofs l-ispejjeż preżentati mill-attriċi, li minnhom għandha titnaqqas is-somma ta’ tliet mija u disgħa u tletin Ewro (€339) u għalhekk għas-sena 2015 għandu jħallas lill-attriċi arretrati fis-somma ta’ mija u tmienja u erbgħin Ewro (€148);
- Il-Qorti taqbel mal-konvenut dwar is-somma ta’ mija u tmenin Ewro (€180) li l-attriċi titlob għal-tuition tal-Malti fis-sena 2016, wara li tippreżenta prospett mhux iffirmat mill-allegat għalliem tal-Malti. Il-Qorti ma tistax tordna lill-konvenut iħallas dan l-ammont minħabba nuqqas ta’ prova adegwata;
- Dwar l-ammont ta’ ħames Ewro (€5) li ħallset fl-2016 għal Notamenti tal-għalliema, il-Qorti taqbel mal-attriċi li dawn għandhom jitħallsu għaliex huwa ammont li kellu jitħallas għall-edukazzjoni akkademika tat-tfal bħal ma jiġri fil-każ tal-kotba u għalhekk il-konvenut għandu jgħaddi l-ammont ta’ żewġ Ewro u ħamsin ċenteżmu (€2.50) lill-attriċi;
- L-ammonti li titlob l-attriċi ta’ irċevuti mingħand Arena Swim Shop ma humiex dovuti;
- L-ammont ta’ mija u għaxar Ewro (€110) huma kif indikat għal-attivitajiet tal-ġinnastika tat-tifla għal 2016 u mhux kif qal il-konvenut mhux spjegati

u għalhekk il-konvenut għandu jgħaddi l-ammont ta' ħamsa u ħamsin Ewro (€55) lill-attriċi;

- Dwar il-ħlasijiet tal-2017 il-Qorti taqbel mal-konvenut li dawn kienu koperti minnu diġà u għalhekk ma għandux ħlasijiet x'jagħmel.

Għalhekk il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi f'arretrati ta' manteniment għall-uliedhom, s-somma ta' elf mija u tnejn u disgħin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€1192.79), li huwa fil-fatt qabel li għandha titħallas lilha u s-somma ta' tliet mija u tnejn u erbgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€342.84) kif deċiż hawn fuq.

7. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tirrileva li ladarba l-partijiet iżżewġu nhar it-28 ta' Ġunju 1999, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Permezz ta' Sentenza parzjali mogħtija nhar il-15 ta' Ottubru 2019, din il-Qorti laqgħet talba konġunta tal-partijiet u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16. Din is-Sentenza ma ġietx appellata u għalhekk din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet terminata l-komunjoni bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u assi parafernali, il-Likwidazzjoni, id-Diviżjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

**a. Dar matrimonjali bl-indirizz Nru. 64, Blue Waters, Triq l-Għassies, Marsaskala**

Hemm qbil bejn il-partijiet li d-dar matrimonjali bl-indirizz 64, Blue Waters, Triq l-Għassies, Marsaskala hija parafernali tal-konvenut għaliex din inxtrat minnu qabel ma ltaqa' mal-attriċi. Dan ma hux kontestat u jirriżulta mill-kuntratt ta'

akkwist tal-istess fond ppreżentat mill-konvenut mal-kontro-talba tiegħu.[67] Għalhekk id-dar bl-indirizz 64, Blue Waters, Triq l-Għassies, Marsaskala ma għandiex titqies aktar bħala d-dar matrimonjali.

L-attriċi tippretendi li tiġi kumpensata ammont għall-awment fil-valur tad-dar matul iż-żwieġ għaliex tgħid li sar ħafna xogħol minn ħutha fid-dar li għalih ma ntalab l-ebda kumpens. Anke jekk dak li qed tgħid l-attriċi huwa minnu dan ma jneħħi xejn mill-fatt li l-post huwa parafernali u ma jistax ikollha pretensjoni fuq żieda fil-valur tal-istess iżjed u iżjed fid-dawl tal-fatt li la ġġib l-ebda stima tax-xogħolijiet u lanqas tad-differenza fil-valur tad-dar bħala riżultat tax-xogħolijiet li saru u għalhekk il-Qorti ma tistax taqbad u tikkonkludi ammont minn żniedha u għalhekk il-Qorti tiċħad din it-talba.

## b. Kreditu li tippretendi l-attriċi għall-affarijiet li nxtraw qabel iż-żwieġ

L-attriċi titlob li tingħata is-somma ta' wieħed u għoxrin elf u mitt Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€21,100.75) rappreżentanti oġġetti u xogħolijiet li tħallsu minnha qabel iż-żwieġ għad-dar. Hija tippreżenta lista ta' dawn l-ispejjeż u l-irċevuti relattivi bħala parti mill-affidavit tagħha.[68] Minn dawn il-konvenut jgħid li jaqbel li jagħtiha l-ammont ta' sittax-il elf erba' mija u tmien Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€16,408.71), li jinkludu irċevuta ta' tmien mitt Lira Maltin (Lm800) imħallsa lil Schembri Q li bi żvista l-konvenut kien ħaseb li hija parti mill-lista li saret fiż-żwieġ.

Il-bqija tal-ammont jirrappreżenta oġġetti li l-konvenut joġġezzjona li jħallasha tagħhom u *ċioé* televsion u DVD, borom, fridge/cooker/hob, *reverse osmosis,* u *steam gun*. Il-Qorti tirreleva illi dawn huma oġġetti li jintużaw ta' kuljum u li ċertament gawdew minnhom il-familja kollha tul iż-żwieġ għal fuq minn sittax-il (16) sena. Fuq kollox l-attriċi kienet qed tgawdi mill-użu tad-dar parafernali tal-konvenut tul iż-żwieġ kollu.

Il-Qorti għalhekk tordna illi l-konvenut jikkonsenja dawn l-oġġetti lill-attriċi flimkien mas-somma ta' sittax-il elf erbgħa mija u tmien Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€16,408.71) rappreżentanti kreditu li għandha l-attriċi fuq oġġetti u xogħolijiet li saru fid-dar matrimonjali qabel iż-żwieġ.

---

[67] Fol. 18.
[68] Fol. 1676.

## ċ. Kreditu li għandha l-attriċi fuq il-ħlas tal-loan tad-dar matrimonjali

Il-partijiet jaqblu, u fil-fatt jirriżulta mid-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rappreżentanta tal-Bank BOV waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2019[69] illi l-partijiet, fiż-żwieġ, ħallsu l-bqija tal-loan li l-konvenut kellu fuq id-dar. Jidher illi l-partijiet għamlu s-segwenti ħlasijiet

- Numru ta' ħlasijiet fl-ammont ta' mija u wieħed u ħamsin Ewro (€151) bejn Lulju 1999 (huma żżewwġu f'Ġunju 1999) sakemm tħallset il-loan kollha f'Marzu 2001 u
- Pagament ta' tnax-il elf mija u erbgħa u għoxrin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€12,124.40) fit-2 ta' Marzu 2001 li minnhom il-partijiet jaqblu illi sitt elef disgħa mija u tmienja u tmenin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€6988.13) kienu parafernali tal-attriċi u għalhekk hemm qbil li l-attriċi teħodhom kollha, kif ukoll minnhom hemm self ta' Lm2000/€4658.73, li tawhom ħut l-attriċi u li jaqbel fuqhom anke l-konvenut.

Għalkemm l-attriċi tgħid li hemm żball fil-kalkolu tal-konvenut għaliex tgħid li jirriżultaw tletin pagament ta' mija u wieħed u ħamsin Ewro (€151) minn fol. 2095, dokument preżentat mill-konvenut, jirriżulta minn fol. 868 li fl-2001 saru żewġ pagament ta' mija u wieħed u ħamsin Ewro (€151) u mhux tnax (12) bis-somma finali mbagħad titħallas f'Marzu 2002 u fil-fatt il-kalkoli tal-konvenut huma korretti.

Għalhekk il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' tliet elef ħames mija u sbatax Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€3517.35), nofs is-somma tal-ħlasijiet ta' mija u wieħed u ħamsin Ewro (€151) li saru bejn l-1999 u l-2001, is-somma ta' sitt elef disgħa mija u tmienja u tmenin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€6,988.13), somma parafernali tal-attriċi, nofs is-somma li tawhom ħut l-attriċi u *ċioé* elfejn tliet mija u tlieta u tletin Ewro (€2333) flimkien ma' s-somma ta' elfejn ħames mija u tmienja u sittin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€2,568.13), nofs is-somma li tħallset miż-żewġ partijiet fit-2 ta' Marzu 2002 biex inqatgħet il-loan, komplessivament is-somma ta' ħmistax-il elf erbgħa mija u sebgħa Ewro (€15,407)

---

[69] Fol. 1537.

*Home Insurance mal-Atlas Insurance*

Ir-rappreżentant ta' Atlas Insruance xehed fis-seduta tas-16 ta' April 2019 u ppreżenta lista ta' ħlasijiet ta' *insurance premia* li tħallsu mill-partijiet mill-1999 sal-2019. Issa l-partijiet iżżewwġu f'Ġunju 1999 u l-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta f'Ottubru 2019 u għalhekk l-attriċi għandha kreditu favuriha fis-somma ta' nofs dak li tħallas mill-komunjoni u *ċioé* skont id-dokumentazzjoni preżentata mir-rappreżentant, nofs is-somma ta' tliet elef tmien mija u tmienja u erbgħin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€3,848.37) u *ċioé* is-somma ta' elf disgħa mija u erbgħa u għoxrin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€1924.19).

## d. Dwar l-oġġetti mobbli mixtrija fiż-żwieġ

L-attriċi tagħmel elenku[70] u tippreżenta prova dokumentarja tal-oġġetti li nxtraw għad-dar waqt iż-żwieġ u tippretendi nofs il-valur li nxtraw mingħand il-konvenut.

Il-Qorti taqbel mal-konvenut li l-lista ta' oġġetti li ġejja ma għandux jagħti l-valur tagħhom lill-attriċi u dan għaliex dawn huma oġġetti mobbli li żgur intużaw ħafna ta' kuljum u għalhekk gawdew minnhom il-familja kollha u issa l-attriċi tkun qed tagħmel profitt fuq il-konvenut jekk kellu jħallasha nofs il-valur li bih inxtraw. Il-Qorti għalhekk tordna li l-konvenut jagħti s-segwenti oġġetti lill-attriċi mingħajr dritt ta' rivalsa ta' ebda ammont:
A 31 – Magimix
A32 – DVD/Vid/TV
A33 – Tazzi tal-kristall
A38 – Tupperware
A41 – Vacuum Cleaner
A47 – Gas Heater

A45 – Airconditioner għandu jibqa' fil-post u ma jitħallas l-ebda valur lill-attriċi tiegħu

Dwar is-segwenti hemm qbil li l-konvenut jgħaddi lill-attriċi nofs il-valur tagħhom kif ppreżentat mill-attriċi:
A34 – hemm qbil li jitħallas nofs il-valur tal-cupboards tal-kamra tal-banju
A 36 – Curtain rails

[70] Fol. 1678.

A43 – gallerija/nets/louvers
A44 – washroom cupboards
A48 – tqiegħid ta' madum
A53 – xogħol ta' kitchen top
Għalhekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' erbat elef mitejn u erbgħa u erbgħin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€4,244.55)

Dwar is-segwenti valuri, il-Qorti qed tiddeċiedi kif ġej:
A 35 – materjali għall-purtieri u quilts – l-ebda rifużjoni ma għandha ssir ta' dawn il-valuri
A 39 – il-partijiet għandhom b'mod matur jaqsmu bejinethom il-photo frames li jinsabu fit-tarаġ;
A 40 – l-*air condition* tal-kċina għandu jibqa' fil-post - l-ebda rifużjoni ma għandha ssir tal-valur tiegħu;
A42 – computer – għandu jinżamm mill-konvenut - l-ebda rifużjoni ma għandha ssir tal-valur tiegħu;
A 46, A 37, A 49 u A 50 – għandhom jinżammu mill-konvenut. L-ammonti li ħallsu l-partijiet għal dawn l-oġġetti kien ta tliet elef seba' mija u tnejn Liri Maltin (Lm3702) u għalhekk l-attriċi qed titlob is-somma ta' elf u tmien mija u wieħed u ħamsin Liri Maltin (Lm1851) tagħhom. Il-Qorti tifhem li wara dawn is-snin kollha dawn l-oġġetti tilfu ħafna mill-valur tagħhom u żgur tqabru wkoll għaliex huma oġġetti ta' użu. Il-Qorti tiddeċiedi li ladarba l-partijiet ma qablux fuq dawn l-oġġetti, dawn għandhom jibqgħu għand il-konvenut u huwa għandu jagħti lill-attriċi valur li l-Qorti qed tasal għalih *arbitro boni viri* u *ċioé* s-somma ta' elf Ewro (€1000).
A 30 – ħlas ta' bibien u arkati – filwaqt li tħallset is-somma ta' Lm1600 lil *Construct Furniture* ta' dawn l-oġġetti, il-partijiet ma jaqblux fuq l-ammont li ngħata minn omm il-konvenut għaliex filwaqt li l-attriċi tgħid li omm il-konvenut kienet ħallset sitt mija u ħmistax Liri Maltin (Lm615), il-konvenut jgħid li ommu tathom seba' mija Maltin (Lm700). *Stante* li l-Qorti ma għandiex prova ta' dan l-ammont, tiddeċiedi billi toqgħod fuq l-inqas ammont u għalhekk mill-elf u sitt mitt Lira Maltin (Lm1600) jitnaqqsu l-ammont ta' sitt mija u ħmistax Liri Maltin (Lm615), u mir-rikavat u *ċioé* mill-ammont ta' disgħa mija u ħamsa u tmenin Liri Maltin (Lm985), il-konvenut iħallas nofs lill-attriċi u *ċioé* s-somma ta' erbgħa mija tnejn u disgħin Liri Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm492.50) li tammonta għal elf, mija u sebgħa u erbgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€1147.21).

A 52 – wallunit – l-attriċi ġġib prova li din inxtrat għall-prezz ta' erbat elef u erba' mitt Ewro (€4400), filwaqt li l-konvenut u l-ġenituri tiegħu jixhdu li dawn tawh is-somma ta' tliet elef Ewro (€3000) b'donazzjoni u għalhekk il-partijiet ħallsu biss huma s-somma ta' elf u erba' mitt Ewro (€1,400). Il-konvenut ma hu lest li jagħti xejn lill-attriċi minn dan l-ammont *stante* li jgħid li issa l-valur tal-wallunit niżel għal madwar tliet elef Ewro (€3000). Fl-affidavit tal-ġenituri jidher li huma jispjegaw li għal-ħabta tat-23 ta' Diċembru 2011 huma ġibdu l-ammont ta' għaxart elef Ewro (€10,000) mill-Bank BOV u taw lill-konvenut is-somma ta' tliet elef Ewro (€3000) *cash*. L-irċevuta preżentata mill-attriċi kienet propjru f'Jlr 2012. Il-Qorti toqgħod fuq din il-prova u tordna lill-konvenut iħallas ħames mitt Ewro (€500) lill-attriċi valur determinat min-nofs id-differenza, bi tnaqqis tal-valur minħabba l-mogħdija taż-żmien.

## e. Oġġetti tal-camping

Il-konvenut jipprovdi lista ta' oġġetti li kienu jużgħu meta jmorru *campings* bħala familja. Il-Qorti ma tarax li jagħmel sens, *stante* li jingħad li t-tifel iħobb il-*camping* li dawn l-oġġetti, li ma humiex ta xi valur kbir u li minn fuqhom ukoll għaddew is-snin, jiġu assenjati lil xi ħadd mill-partijiet u li jingħata xi valur għalihom. Il-Qorti tordna li l-oġġetti kollha tal-*camping* jingħataw lit-tfal jew lil min minnhom jinteressawh l-aktar.

## f. L-għodda li nxtrat fiż-żwieġ

Fil-kontro-eżami l-konvenut jiġi mistoqsi x'għodda nxtrat fiż-żwieġ u jintalab jipprovdi lista tat-tali għodda. Il-konvenut jipprovdi lista ta' għodda bil-valuri rispettivi li nxtraw u l-valur tagħhom illum. Abbażi ta' dak preżentat il-Qorti tordna li l-għodda għanda tiġi assenjata lill-konvenut li għandu jħallas lill-attriċi l-ammont ta' mitt Ewro (€100) bħala sehemha tagħhom.

## ġ. Vetturi

Mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorità tat-Trasport[71] jirriżulta li fil-preżent l-attriċi għandha reġistrata fuq isimha l-vettura tat-tip Renault Scenic, filwaqt li l-konvenut għandu reġistrata fuq ismu l-vettura tal-għamla Mitsubishi Chariot.

[71] Seduta tas-16 ta' April 2019 a fol. 749.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-partijiet qed jintilfu f'argumenti futili u f'allegazzjonijiet li mhux neċessarjament ipprovati, bħal per eżempju jekk tassew kienx hemm donazzjoni ta' tliet elef Euro (€3,000), jew inkella x'kienet l-intenzjoni ta' l-attriċi meta għaddiet il-vettura parafernali tagħha lill-kunjata diversi snin qabel.

Il-Qorti se tiddisponi dwar dawn il-vetturi billi tiddeċiedi li kull parti għandha żżomm il-vettura li hemm reġistrata f'ismiha, mingħajr kwalunkwe dritt jew obbligu ta' korrispettiv mill-parti l-oħra.

### g. Kontijiet bankarji

Kontijiet fuq isem l-attriċi mal-Bank HSBC:

i. Kont tat-tip *Savings* bin-numru tal-kont antik 474102289[72] u n-numru kif inbidel għal 047002282050 li fit-2 ta' Frar 2019 kellu bilanċ ta' €9,281.84;
ii. Kont tat-tip *Current* bin-numru tal-kont antik 471216216[73] u n-numru kif inbidel għal 047002282001 li fit-12 ta' Frar 2019 kellu bilanċ ta' €96.01;
iii. Kont tat-tip Fixed Account name A B A/C D bin-numru 042156208100[74] li mmatura fil-25 ta' Jlr 2013 li meta mmatura u kellu l-bilanċ ta' €1,206.04 il-bilanċ ġie trasferit fil-kont 047002282050;
iv. Kont tat-tip Fixed Account name A B A/C E bin-numru 042156208101[75] li mmatura fil-25 ta' Jlr 2013 li meta mmatura u kellu l-bilanċ ta' €1,944.41 il-bilanċ ġie trasferit fil-kont 047002282050;
v. VISA Credit Card bin-numru tal-kont 4568820218455753[76] li għadha attiva;

Kontijiet konġunti mal-Bank HSBC:

[72] Dok. MD1 a fol. 65.
[73] Dok. MD 2 a fol. 336.
[74] Dok. MD 3 a fol. 518.
[75] Dok. MD 4 a fol. 524.
[76] Dok. MD 8 a fol. 540.

vi. Kont tat-tip *Savings* bil-currency GBP bin-numru tal-kont 042157198451[77] li fil-5 ta' April 2019 kellu bilanċ ta' €32.43;

Kontijiet <u>fuq isem l-attriċi</u> mal-Bank MeDirect:

vii. Kont tat-tip *Savings name* <u>A B A/C E</u>bin-numru 203007250014[78] li minnu fil-21 ta' Mejju 2015 jirriżulta li saret transfer ta' €3598.38 il-Qorti;

viii. Kont tat-tip *Savings* bin-numru 203007250021[79] li minnu fil-27 ta' Settembru 2017 jirriżulta li saret transfer ta' €6040.67 il-Qorti;

ix. Kont tat-tip *Savings* bin-numru 203007250038[80] li minnu fit-2 ta' Ottubru 2015 saret transfer ta' €5282.79 il-Qorti u fil-31 ta' Diċembru 2018 kellu bilanċ ta' €9.70;

x. Kont ME3 Account bin-numru 203007250045[81] li fid-29 ta' Diċembru 2017 kellu bilanċ ta' €0.03;

xi. Kont ME3 Account bin-numru 203007250052[82] li fid-29 ta' Diċembru 2017 kellu bilanċ ta' €0.06;

xii. Term Deposit name <u>A B A/C D</u> bin-numru 303007250011[83] li fis-17 ta' Awwissu 2017 ingħalaq u l-bilanċ ta' €5,516.57 ġie transferred għall-kont bin-numru 203007250021;

xiii. Term Deposit bin-numru 303007250028[84] li fl-1 ta' Ottubru 2015 ingħalaq u l-bilanċ ta' €5,291.86 ġie transferred għall-kont bin-numru 0030031100001;

Kontijiet <u>f'isem il-konvenut</u> mal-Bank BOV:

xiv. Kont tat-tip *Current* bin-numru 12301844034[85] li fil-31 ta' Diċembru 2018 kellu bilanċ ta' €361.05;

xv. Kont tat-tip *Savings* bin-numru 12301844018[86] li fl-24 ta' Diċembru 2018 kellu bilanċ ta' €2.41;

---

[77] Dok. MD 14 a fol. 592.
[78] Dok. RG a fol. 775.
[79] Dok. RG a fol. 776.
[80] Dok. RG a fol. 778.
[81] Dok. RG a fol. 780.
[82] Dok. RG a fol. 781.
[83] Dok. RG a fol. 782.
[84] Dok. RG a fol. 783.
[85] Dok. JB a fol. 785.
[86] Dok. JB 1 a fol. 837.

xvi. Kont tat-tip *EAccount Savings* bin-numru 140017615587[87] li fl-24 ta' Diċembru 2018 kellu bilanċ ta' €0.09;
xvii. VISA Card/Mastercard bin-numru 4552401200208779;[88]
xviii. BOV Visa Classic bin-numru 4552401342947029; [89]
xix. VISA Card/Mastercard bin-numru 5420710010735038;[90]
xx. BOV Mastercard bin-numru 5420714103723034;[91]

Kontijiet f'isem l-attriċi mal-Bank BOV

xxi. Kont tat-tip *Young Savers Account* name A B A/C D bin-numru 40010313378[92] li fil-31 ta' Lulju 2012 ingħalaq b'bilanċ ta' €3,510.31;
xxii. Kont tat-tip *Savings* account name A B A/C D bin-numru 40020995472[93] li fil-11 ta' Awwissu 2012 ingħalaq b'bilanċ ta' €3,510.31;

Dwar il-kontijiet bankarji l-Qorti tiddeċiedi kif ġej:

Il-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet weħedhom jew konġuntivament imsemmija hawn fuq (salv għal dawk li l-Qorti ser issemmi hawn isfel abbinati mat-tfal) għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet (anke jekk depożitati l-Qorti) bil-valur li kellhom fil-15 ta' Ottubru 2019, meta l-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni, filwaqt li l-kontijiet abbinati mal-*credit cards* għandhom jiġu assenjati lill-parti li fuqhom huma intestati b'kull dejn li hemm fuqhom.

Il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut illi l-attriċi għandha tirrifondih is-somma ta' elfejn sitt mija u tmienja u tmenin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€2688.94) li ġew żbankati mill-kont *joint* (li mbagħad ingħalaq) li kellhom il-partijiet mal-Bank BOV tat-tip Term Deposit[94] għaliex dan l-iżbank seħħ fl-2004 meta l-partijiet kienu għadhom flimkien u dawn il-flejjes setgħu ntużaw għall-familja u l-konvenut kellu kull aċċess għal informazzjoni dwar dan il-kont li kien *joint.*

[87] Dok. JB 3 a fol. 869.
[88] Dok. JB 4 a fol. 884.
[89] Dok. JB 5 a fol. 1055.
[90] Dok. JB 6 a fol. 1094.
[91] Dok. JB 7 a fol. 1274.
[92] Dok. JB 10 a fol. 1290.
[93] Dok. JB 11 a fol. 1302.
[94] Dok. JB 13 a fol. 1512.

*Flejjes allegatament ta' wlied il-partijiet:*

Il-partijiet jaqblu illi wliedhom kienu jirċievu rigali f'okkażjonijiet li kienu jikkonsistu fi flus u dawn kienu jiġu depożitati f'kontijiet f'isimhom li eventwalment intlaqtu minn sekwestru numru 100/15[95] u ġew depożitati l-Qorti. Kopji taċ-ċedoli ġew preżentati mill-attriċi permezz ta' Nota tas-27 ta' Novembru 2020.[96]

Il-partijiet jidher li jaqblu fuq numru ta' kontijiet f'isem it-tfal u li dawn għandhom jiġu assenjati lilhom, iżda kif jgħid il-konvenut fil-kontro-eżami fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2020[97] hemm kontestazzjoni għal uħud mill-kontijiet għaliex filwaqt li l-attriċi tgħid li ċ-ċedoli numri 715/15, 777/2015 u 30/15, 149/17 u 45/15 huma kollha flejjes tat-tfal, il-konvenut isostni li l-flejjes maqbudin bl-aħħar żewġ ċedoli għandhom jinqasmu bejn il-partijiet għaliex "*dawk huma flus tagħna. Tħallsu nassumi jien ghax il-flus tac-children's... ma nafx fejn marru. Dawk qeghdin jithallsu mic-children's allowance sewwa? U dawk iridu jinqasmu ugwali...*"[98]

a) Kont f'isem A B A/C Enumru 203007250014: jirriżulta li kien hemm *deposit* ta' ċekk fis-17 ta Awissu 2012 għas-somma ta' €2114.41. Sussegwentement fit-21 ta' Mejju 2015 kien hemm trasferiment il-Qorti għas-somma ta' EUR 3598.38.
b) Kont f'isem A B A/C D numru 303007250011: jirriżulta li kien hemm *deposit* ta' ċekk fis-17 ta' Awissu 2012 ta' €2006.04 u transfer mill-BOV fl-istess jum ta' €3510.53 sussegwentement dan il-kont ġie *transferred* fis-17 ta' Awissu 2017 fil-kont 203007250021 f'isem l-attriċi u mbagħad transferred il-Qorti.
c) Kont f'isem A B numru 203007250021: Dan huwa l-kont li kien irċieva l-flejjes tal-kont A B A/C D u sussegwentement kien hemm żewġ transfers il-Qorti u *ċioé* depożitu ta' €226.64 nhar l-20 ta' Awissu 2015 u €6040.67 nhar it-27 ta' Settembru 2017.
d) Il-Minuri Eghandha kont iehor mal-Bank of Valletta Young Savers, kont numru 40013494809 li fih hemm ta' €2342.31- ċedola numru 715/15

[95] Kopja a fol. 2305.
[96] Fol. 2033.
[97] Fol. 1985.
[98] Fol. 1993.

Il-partijiet jaqblu li l-flejjes f'ċedola numru 715/2015 jappartjenu għat-tifla Eu għandhom jingħataw lilha, il-flejjes f'ċedoli 775/2015 u 30/15 jappartjenu għat-tifel D u għandhom jingħataw lilu. Il-Qorti taqbel ma dan u tordna li dawn iċ-ċedoli jiġu rilaxxati f'isem it-tfal rispettivament.

Dwar ċedola numru 149/2017 li tikkonsisti fil-flus mill-Kont f'isem A B A/C D numru 303007250011 li ġew trasferiti fil-kont f'isem l-attriċi bin-numru 203007250021 il-konvenut jgħid li ġew mic-*children's allowance* u l-ftehim mal-attriċi kien li jintużaw għall-edukazzjoni tagħhom. Il-Qorti tiddeċiedi li dawn il-flus għandhom jiġu rilaxxati lill-partijiet f'ammonti ndaqs bejniethom u b'dan li jkunu liberi jiddisponu minn sehemhom kif jixtiequ, anke *okkorrendo* jagħtu minn sehemhom lit-tfal jekk hekk jixtiequ b'għażla libera tagħhom.

Dwar ċedola 45/2015, il-partijiet jaqblu li dawn huma flus li ġew minn kontijiet f'isem it-tifla E– bl-istess raġunament il-Qorti tordna li dawn il-flejjes għandhom jiġu rilaxxati lill-partijiet f'ammonti ndaqs bejniethom.

Il-bqija tal-kontijiet jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet bil-valur li kellhom fil-15 ta' Ottubru 2019.

### għ. Polza ta' assigurazzjoni tal-ħajja mal-HSBC

Il-partijiet jaqblu illi meta twieled it-tifel fetħu polza tal-assikurazzjoni tal-ħajja mal-Bank HSBC bl-intendere iżda meta twieldet it-tifla li din il-polza tkun taż-żewġt itfal. Jitħallas tliet mitt Ewro (€300) fis-sena bħala *premium* li minn meta l-attriċi telqet mid-dar fl-2015, il-partijiet jaqblu li baqgħet titħallas mill-attriċi biss. L-attriċi għalhekk titlob li l-konvenut iħallas nofs is-somma li hija ħallset minn meta telqet mid-dar u l-konvenut ma joġġezzjonax għal dan għax jgħid li huwa ma ħallasx għaliex l-attriċi ma talbitux jagħmel dan.

Madanakollu l-Qorti ma taqbilx illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi nofs il-ħlasijiet tal-*premia* li hija għamlet mill-2015, għaliex fid-data li telqet mid-dar il-komunjoni tal-akkwisti kienet għada viġenti bejn il-partijiet u għalhekk dak li kienet qed tħallas kien ġej mill-komunjoni. Il-komunjoni ġiet xolta fil-15 ta'Ottubru 2019 u għalhekk huwa minn dak il-mument li l-konvenut għandu jħallas nofs il-*premia* li ħallset l-attriċi sal-lum. Sussegwentement, jekk il-konvenut jaqbel, din il-polza tista' tibqa' titħallas ugwalment bejn il-partijiet u

meta timmatura l-flus likwidati jinqasmu b'mod ugwali bejn ulied il-konjuġi. Madanakollu jekk il-konvenut ma jistax jibqa' jħallas s-sehem tiegħu minn din il-polza, il-polza għandha tiġi likwidata immedjatament u l-flus likwidati jinqasmu b'mod ugwali bejn ulied il-konjuġi.

### h. Poloz tal-ħajja mal-MSV Life

Mix-xhieda tar-rappreżentanta tal-Mapfre MSV Life[99] jirriżultaw żewġ poloz fuq isem il-partijiet.

i. Polza f'isem l-attriċi bin-numru 33303 tat-tip *savings policy* li nbdiet fil-31 ta' Diċembru 1996 b'terminu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena;
ii. Polza f'isem il-konvenut bin-numru 2300037 tat-tip *savings policy* li nbdiet fit-18 ta' Settembru 1996 b'terminu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena;

Għalhekk jirriżulta li ż-żewġ partijiet għandhom l-istess tip ta' polza li t-tnejn ħaduha qabel iż-żwieġ u għalhekk hija parafernali tagħhom, li iżda komplew iħallsu fiż-żwieġ. *Stante* li ż-żewġ partijiet instabu ħatja għat-tifrik taż-żwieġ il-Qorti tikkontendi li huma għandhom iħallsu lil xulxin nofs il-pagamenti li saru mid-data taż-żwieġ sad-data tax-xoljiment tal-komunjoni u għalhekk:

Kif tixhed ir-rappreżentanta tal-MSV Life, fuq il-polza tal-attriċi kienet qed titħallas is-somma ta' disa' mija u sitta u erbgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€946.66) fis-sena u għalhekk l-attriċi għandha tħallas lill-konvenut nofs is-somma li tħallset mit-28 ta' Ġunju 1999 sakemm ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti fil-15 ta' Ottubru 2019. Dawn jammontaw għal tmintax-il elf disgħa mija u tlieta u tletin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€18,933.20) u għalhekk in-nofs dovut lill-konvenut huwa dak ta' disgħat elef erba' mija u sitta u sittin Ewro u sittin ċenteżmu (€9,466.60).

Bl-istess mod fuq il-polza tal-attriċi kienet qed titħallas is-somma ta' erba' mija u tlieta u tmenin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€483.34) fis-sena u għalhekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi nofs is-somma li tħallset mit-28 ta' Ġunju 1999 sakemm ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti fil-15 ta' Ottubru 2019. Dawn jammontaw għal disgħat elef sitt mija u sitta u sittin Ewro u tmenin ċenteżmu

[99] Seduta tas-17 ta' Ġunju 2019 a fol. 1523.

(€9,666.80) u għalhekk in-nofs dovut lill-attriċi huwa dak ta' erbat elef tmien mija u tlieta u tletin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€4,833.40).

**Assi parafernali tal-partijiet**

A fol. 2808 u 2809 tal-proċess, l-attriċi tressaq pretensjoni ta' krediti ta' ammonti ta' flus li hija tqis bħala parafernali.

Hija tgħid li kellha investimenti parafernali ma' *R S* li nbiegħu wara li l-partijiet iżżewġu. *Stante* li dawn il-flus intużaw għall-familja, hija tippretendi li tiġi kumpensata bl-ammont ta' erbat elef tmien mija u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€4,840.87).

Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. Meta l-investiment tilef in-natura tiegħu waqt iż-żwieġ, b'dan li ġie konvertit fi flus, huwa inutli li wieħed jara għal xiex l-investiment, issa likwidat fi flus kontanti, intuża, *stante* li fil-mument li l-investiment ġie konvertit fi flus, dan sar jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti u ġaladarba hekk sar, huwa inutli li l-Qorti tara għal xiex dak il-valur effettivament intuża.

L-attriċi tgħid li meta żżewġet kellha tlett *term deposits* mall-Bank of Valletta, u tippretendi li tiġi kkumpensata l-ammont ta' sbatax-il elf sitt mija u ħamsa u tletin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€17,635.43), li huwa l-valur totali ta' l-istess *term deposits*, li tgħid li ntużaw biex inxtrat għamara u oġġetti oħra fid-dar.

Il-Qorti ma hiex propensa li tilqa' din il-pretensjoni *stante* li l-attriċi ma ġabitx prova suffiċjenti li tassew dawn il-flejjes intużaw biex xtraw l-għamara u oġġetti kif hawn fuq imsemmi. Mill-provi jirriżulta biss li l-kontijiet relattivi kienu ingħalqu, iżda x'sar mill-flus ma jirriżultax.

Dwar il-flus li kienu investiti l-Ingilterra fl-ammont ta' sitt elef Lira Maltin (LM 6,000), il-partijiet jaqblu li dan l-investiment tassew eżista, minkejja l-fatt li l-attriċi ma rnexxilhiex tottjeni dokumentazzjoni relattiva. Il-kweżit li għandha quddiemha l-Qorti huwa effettivament x'sar minn dawn il-flus. Il-konvenut jgħid li huwa qatt ma ra sold minn dan l-investiment, mentri l-attriċi tgħid li użathom biex tinvesti *f'ELDA shares* mall-HSBC u għamlet użu mod ieħor tal-bilanċ rimanenti.

Fir-rigward tal-valur ta’ ħamest elef u tmien mitt Ewro (€5,800), dawn saru parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti meta l-investiment Ingliż inbiegħ, u saru flus. Meta nxtraw l-*ELDA shares,* dawk l-ishma kienu parti mill-komunjoni, u meta ġew likwidati fis-sena 2015 u ġibdithom l-attriċi, ma hemmx dubju li dawn kienu jifformaw *oramai* parti mill-komunjoni, u ma jistgħux jitqiesu bħala parafernali. L-istess jingħad għas-somma ta’ Gbp 5000 li ddepożitat fl-HSBC fis-sena 2008. Terġa’ u tgħid l-ammont ta’ GBP 1050 intuża biex inxtara laptop.

Għalhekk, il-Qorti ma hi se talloka ebda ammont fuq dan hawn fuq deskritt favur l-attriċi.

Il-Qorti trid li l-ammont ta’ ħamest elef mitejn u tlieta u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€5,243.40) preżentement depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti jiġu debitament żbankati u jinqasmu b’ishma indaqs bejn il-partijiet kif provdut iktar il-fuq f’din is-sentenza.

Fir-rigward ta’ l-ammont ta’ sitt elef disgħa mija u tmienja u tmenin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€6,988.13) rappreżentanti wirt hemm qbil dwaru *da parti* tal-konvenut u l-Qorti diġà attribwiet dan l-ammont lill-attriċi fit-taqsima tal-loan fuq id-dar matrimonjali, u kwindi ma hux lok li jsir tnaqiis f’din it-taqsima.

Rigward l-ammont ta’ sitt elef Ewro (€6,000) pretiż mill-konvenut, il-Qorti diġà ddeċidiet dwarhom f’din is-Sentenza.

8. **Kunjom Xbubit l-Attriċi:**

L-attriċi titlob lill-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha. Il-Qorti tilqa’ din it-talba *ai termini* tal-Artikolu 62(1) tal-Kap 16.

**DEĊIDE**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut sa fejn huma inkompatibbli ma’ dak hawn deċiż, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' limitatatment l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom;

2. Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali u tawtorizza lill-konvenut jgħix separatament minn martu;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba attriċi u t-tielet talba rikonvenzjonali *stante* li wlied il-partijiet huma issa maġġorenni;

4. Tilqa' r-raba' u l-ħames talba attriċi limitatament fir-rigward tat-tifla tal-partijiet Eu tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment fl-ammont ta' mitejn u ħamsa u għoxrin Ewro (€225) kull xahar, *oltre* nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari, liem manteniment jibqa' jitħallas sal-età stipulata fil-liġi u *ċioé* sakemm bint il-partijiet tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena jew tibda taħdem fuq bażi *full-time*, liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi depożitat direttament lill-attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Tiċħad it-talba fil-konfront tat-tifel D li huwa issa maġġorenni u għalaq anke t-tlieta u għoxrin (23) sena. Konsegwentement tiċħad il-ħames talba rikonvenzjonali;

5. Tilqa' is-sitt talba attriċi skont dak provdut fis-sitt (6) taqsima ta' din is-sentenza intitolata ***Manteniment - <u>Manteniment għall-ulied;</u>***

6. Tiċħad is-seba' u t-tmien talba attriċi *stante* li ulied il-partijiet issa huma maġġorenni;

7. Tilqa' d-disa' talba attriċi u tiddikjara li ż-żewġ partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin;

8. Tiddeċiedi dwar it-tlettax-il talba attriċi u r-raba' rikonvenzjonali skont dak provdut fit-tielet (3) taqsima intitolata ***L-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 fil-konfront tal-attriċi u l-konvenut;***

9. Filwaqt li tiddikjara li t-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ġja ġiet deċiża b'effett tas-Sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2019, tiddeċiedi l-għaxar u l-ħdax-il talba attriċi u s-sitt, seba', tmien u għaxar talba rikonvenzjonali skont taqsima sebgħa (7) ta' din is-sentenza intitolata ***It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali;***

10. Tilqa' d-disa' talba rikonvenzjonali;

11. Tiċħad it-tnax-il talba attriċi u t-tlettax-il talba rikonvenzjonali għaliex ma hemmx il-ħtieġa tagħhom;

12. Tilqa' l-ħdax-il talba rikonvenzjonali u tiddikjara li l-fond huwa propjetà parafernali tal-konvenut u għandu jgħix fih il-konvenut ad esklużjoni ta' martu l-attriċi;

13. Tilqa' l-ħmistax-il talba attriċi u t-tnax-il talba rikonvenzjonali u tawtorizza lill-partijiet jirreġistraw din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

14. Tilqa' l-erbatax-il talba attriċi u tawtorizzaha tirreverti għal kunjom xbubitha "F";

15. Tiċħad l-erbatax u il-ħmistax -il talba rikonvenzjonali skont it-taqsima erba' (4) ta' din is-sentenza intitolata ***Is-Separazzjoni Personali u/jew il-Ħall taż-żwieġ*****.**

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jiġu sopportati mill-partijiet b'mod ugwali bejniethom.